**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 t'Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**-vs-**
**Nutar Peter sive Pierre Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 535060M**

*Kumpilazzjoni Nru. 251/2012*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Peter sive Pierre Falzon u ċioè talli:

F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Lulju, 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

2. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elf ewro **(€1,000) ghad-dannu ta' Melvino West**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

3. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tnax-il elf u tmien mitt ewro **(€12,800) ghad-dannu ta' Dane Philip Frank Camilleri, Vanessa Vella u Anthony Gerada**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

4. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef mitejn u hamsin ewro **(€4250) ghad-dannu ta' Gordon Grech u martu Sarah Grech, Adrian Grech u martu Josianne Grech, Sandra Salvina Grech u Justin Grech**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

5. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef tliet mija u sitt **ewro (€4,306) ghad-dannu ta' Graziella Gatt**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

6. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' ghaxart elef sitt mija u hames ewro **(€10,605) ghad-dannu ta' Central Home Style Limited**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

7. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' sebat elef sitt mitt ewro **(€7,600) ghad-dannu ta' Antoine Muscat u martu Mary Rose Muscat**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

8. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf ewro **(€11,000) ghad-dannu ta' Giovanna Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paolo Refalo, Gemma Gauci u Carmelo Ciantar, werrieta tal-mejjet Giuseppe Ciantar**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib

mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

9. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u hamsin ewro **(€24,451) ghad-dannu ta' Antoinette Agius, Julie Muscat, Julian Agius u Jane Agius**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

10. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, li kellu bhala dmir tieghu specjali li jikteb, jirregistra, jew li jerfa' atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet, iffalsifika decizjoni, digriet jew ordni ta' xi qorti, imhallef, magistrat jew ufficjal pubbliku, illi bihom tigi ordnata jew mitmuma obbligazzjoni, inkella moghti jew michud xi jedd lil xi hadd, inkella li bihom xi persuna tigi mehlusa jew ikkundannata fuq akkuza kriminali;

11. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, li kellu bhala dmir tieghu specjali li jikteb, jirregistra, jew li jerfa' atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet, xjentement ghamel uzu minn dawn l-atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet iffalsifikati;

12. Fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew b'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;

13. Meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kinux;

14. Filwaqt li minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu ta' ufficjal pubbliku, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

15. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-ahhar paragrafu qabel dan;

16. B'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 179 tal-Kodici Kriminali, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li jkun jista' jaghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

17. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura setgha jaghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

18. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef mitejn u tnejn u sittin ewro **(€3,262) ghad-dannu ta' Vincent Magro u martu Maria Rosaria Magro**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

19. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf mija u tmenin ewro **(€11,180) ghad-dannu ta' Carmel Tonna u martu Maria Concetta Tonna**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

20. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef hames mija u hamsa u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu **(€4,585.75) ghad-dannu ta' Josephine Spiteri,** liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

21. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef erba' mija u sitta u ghoxrin ewro u hamsin centezmu **(€3,426.50) ghad-dannu ta' Emanuel Caruana u martu Emanuela Caruana,** liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

22. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf seba' mija u disgha u tletin ewro **(€11,739) ghad-dannu ta' Maria Saveria sive Vona Lawson**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

23. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elfejn u tliet mitt ewro **(€2300) ghad-dannu ta' Mark Pullicino,** liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

24. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef tliet mija u erbghin ewro **(€3340) ghad-dannu ta' Ann Marie Gauci,** liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

25. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu **(€3728.50) ghad-dannu ta' Joseph Sive Joe Camilleri u martu Grace Camilleri**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

26. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf mija u wiehed u tmenin ewro **(€11,181) ghad-dannu ta' l-ahwa Vincent Borg u George Borg**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

27. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elfejn disa' mija u hmistax-il ewro **(€2,915) ghad-dannu ta' Josef Saliba, martu Stefania Saliba u Josef Vella**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

28. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef u sitta u sebghin ewro **(€4,076) ghad-dannu ta' Francesca Saveria Santucci**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew

ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

29. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika,xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

30. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elf tmien mija u erbgha u sittin ewro u tlettax-il centezmu **(€1,864.13) ghad-dannu ta' Frank Masini u martu Sandra Masini,** liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

31. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hamest elef hames mija u disghin ewro **(€5,590) ghad-dannu ta' Josef Muscat**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

32. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef tliet mija u hamsin ewro **(€3,350) ghad-dannu ta' Clayton Agius u martu Josianne Agius**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

33. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu **(€698.81) ghad-dannu ta' Clayton Agius u martu Josianne Agius**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

34. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef tmin mija u hamsa u disghin ewro **(€4,895) ghad-dannu ta' George Zarb u martu Mary Astrid Zarb**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

35. Fil-kapacita' tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, l-ammont ta' għaxart elef tmin mija u disgħin ewro **(€10,890) għad-dannu ta' Paola Cassar, Maria Concetta Licari, Anthony Cassar, Georgette Ferranti, Anna Hili u Joseph Cassar**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnu speċifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu;

36. Fil-kapacita' tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, l-ammont ta' ħamest elef ħames mija u tnejn u disgħin ewro u tmienja u tletin ċentezmu **(€5,592.38) għad-dannu ta' George Zarb u martu Mary Astrid Zarb,** liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnu speċifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu;

37. Fil-kapacita' tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, l-ammont ta' sittax-il elf seba' mija u wieħed u sebgħin ċentezmu **(€16,771) għad-dannu ta' Prestige Apartments Limited**, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnu speċifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu;

Il-Qorti giet gentilment mitlubsa sabiex f'kaz ta' ħtija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Atti kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' Gunju, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 18 u 138 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
3. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
4. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
5. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
6. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
7. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
8. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
9. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
10. Fl-artikoli 18, 170(1) u 170(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 18, 170(2) u 170(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. Fl-artikoli 18 u 179 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. Fl-artikoli 18 u 180 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. Fl-artikoli 18 u 185(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
15. Fl-artikoli 18 u 186 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
16. Fl-artikoli 18 u 187(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
17. Fl-artikoli 18 u 187(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
18. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);

[1] Fol.1197-1198

19. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
20. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
21. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
22. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
23. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
24. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
25. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
26. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
27. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
28. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
29. Fl-artikoli 18 u 188 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
30. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
31. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
32. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
33. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
34. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);

35. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
36. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
37. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014);
38. Fl-artikolu 23C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
39. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011 u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-3 ta' Dicembru, 2015.

Illi kkunsidrat li dan hu process voluminuz ser issiru xi punti preliminari li jiswew aktar il-quddiem meta jigu ezaminati il-provi.

Fl-ewwel lok ghandu jinghad li meta xehed l-Ispettur Gafa u ddeskriva l-investigazzjonijiet kondotti minnu, fir-rigward ta' kull kwerela jew rapport li rceviet il-Pulizija Ezekuttiva, esebixxa ring file (**Dok.AG**) li jikkontejni d-dokumentazzjoni relattiva li gabar fil-kors tal-investigazzjoni dwar kull kaz separatament, sbatax (17) b'kollox. Ghalkemm fil-kors tal-proceduri il-kwerelanti u xhieda ohra fosthom rapprezentanti tal-banek, tal-Ufficju tal-Kummissarju ghat-Taxxi Nterni u Registru Pubbliku regghu esebew hafna mid-dokumentazzjoni li tinsab **f'Dok.AG**, ghall-ispeditezza tal-proceduri li issa ilhom pendenti kif inghad minn Marzu, 2012, nhar it-3 ta' Dicembru, 2015, id-difiza

ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li tali dokumenti jigu kkonfermati bil-gurament.[2] Elenku ta' din id-dokumentazzjoni jinsab a fol.48-51.

Fit-tieni lok u kif anke jirrizulta mill-provi, kemm fil-kors tal-investigazzjonijiet qabel ma gew intavolati l-akkuzi, kif ukoll fil-kors ta' dawn il-proceduri, kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat jew radd lura flejjes li dwarhom saru dawn ir-rapporti jew kwerela, jew ghamel kostituzzjoni ta' debitu, jew hallas it-taxxa dovuta lill-Ufficju tal-Kummissarju ghat-Taxxi Nterni, liema flejjes huma mertu tal-akkuzi odjerni. Dan jista' jimpingi fuq l-applikazzjoni o meno tad-disposizzjoni tal-Artiklu 337(1) tal-Kodici Kriminali f'kaz ta' sejbien ta' htija; ghaldaqstant wara li jigi kkunsidrat kull rapport individwalment u ezaminati l-provi in sostenn tal-istess, il-Qorti ser anke tissenjala fejn japplika dan is-subartikolu skond u jekk ikun il-kaz, tenut kont li kien fit-2 ta' Marzu, 2012, li gew intavolati dawn l-akkuzi.[3]

Fit-tielet lok, ma hemmx kontestazzjoni u jirrizulta anke minn dokumenti esebiti,[4] li Helen aka Elenita Falzon hi mart l-imputat.

Fir-raba lok, il-Qorti qed tistrieh esklussivament fuq il-provi prodotti u qed tiskarta l-istqarrija tal-imputat tenut kont numru ta' kawzi prezentement pendenti dwar jekk it-tehid ta' stqarrija ta' persuna suspettat minghajr il-presenza tad-difensur tieghu, titqiesx bhala ksur tad-drittijiet tieghu ghall-smigh xieraq.

Fil-hames lok, qabel ma jigu kkunsidrati d-deposizzjonijiet u l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, kull kaz ser jibda bix-xhieda tal-**Ispettur Investigattiv Angelo Gafa** fejn l-ufficjal jaghti stampa (*background*) tar-rizultanzi tal-investigazzjonijiet kondotti minnu.

Gafa xehed kif il-pulizija rceviet u nvestigat sbatax (17) ir-rapport dwar l-imputat. Matul u fil-kors tal-proceduri il-Pulizija giet infurmata minn diversi kwerelanti li kienu thallsu lura dak li hallsu lin-nutar. L-ispettur esebixxa ghadd ta' dokumenti fosthom il-kuntratti soggett ta' dawn il-

---

[2] Fol. 412.
[3] L-akkuzat kien gie interrogat u ghaldaqstant mgharraf bl-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu nhar it-22 ta' Dicembru, 2011 - **Dok. AG3** et seq.
[4] **Dok. AG2**, Certifikat taz-Zwieg f'**Dok.AG** – data taz-zwieg 14 t'April, 1984

proceduri flimkien ma korrispondenza bankarja, cheques/*bank drafts* u kwereli li gew esebiti f'**Dok. AG**.[5]

Illi kif indikat kull rapport qed jigi trattat individwalment.

<u>L-Akkuzi numru Tnejn (2) sa Disa (9) u l-Akkuzi numru Tmintax (18) sa Seba' u Tletin (37) – Approprijazzjoni Indebita w Akkuza Numru 29 - Ghoti ta' Dikjarazzjoni Falza</u>

1. **Melvino West - €1,000** (Akkuza Nru.2)

L-ufficjal investigattiv xehed kif fid-19 ta' Awwissu, 2010, Melvino West kien iffirma kuntratt quddiem in-Nutar Pierre Falzon li permezz tieghu akkwista wiehed minn hmistax il-parti (1/15) tal-wirt ta' Carmela Mercieca li *inter alia* kien jikkonsisti f'garaxxijiet u farmhouse. West kien halla €1,000 man-nutar sabiex jithallas il-boll. Ricerki mad-Department of Inland Revenue (aktar il-quddiem riferit bhala 'DIR') zvelaw li sat-22 ta' Novembru, 2011, dan il-boll baqa' ma thallasx u l-kuntrat baqa' ma giex registrat. Sar kuntratt gdid fil-15 ta' Frar, 2011, quddiem in-Nutar Dr. Joanne Lia u thallsu t-taxxi dvuti.[6]

Illi **Melvino West** xehed li ghamel kuntratt ghand l-imputat u *tah €1,500 biex minnhom ihallas €1,000 bhala il-boll* izda dawn ma thallsux u kellu jerga' jaghmel kuntratt mill-gdid. Lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu meta mistoqsi jekk thallasx dawn l-€1,000, jaghmel dikjarazzjoni li permezz taghha johrog fid-deher il-karattru tal-imputat "*ghadni ma hadt xejn. Imma gejt imwied min-Nutar innifsu li ha jtihomli fi zmien tliet gimghat voldieri ....<u>Issa qalli ghandi l-Qorti jekk trid tista ma tigix voldieri u ntik il-flus lura fi zmien tliet gimghat</u> il-1000 imma ilu jghidli li ha jtihomli ta pero ghadni ma hadthomx.*"[7]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li sa Dicembru, 2013, meta xehed, il-boll kien baqa' ma thallasx.[8]

---

[5] Elenku ta' din id-dokumentazzjoni jinsab a fol.48-51.
[6] Fol.27. Vide ukoll xhieda Patrick Grima a fol.156
[7] Fol.89-90
[8] Fol.124

Ix-xhieda ta' West hi korroborata mill-fatt li meta sari l-kuntratt il-gdid, kien precizament l-ammont ta' €1,000 li gie komputat bhala l-boll dovut.[9]

Fid-dawl ta dan kollu l-Qorti tqis ix-xhieda ta' West bhala wahda korroborata mill-provi u tista' tistrieh fuqha. **Jirrizulta ghalhekk li l-imputat ghadu debitur ta' West fl-ammont ta' €1,000**.

**2. Dane Philip Frank Camilleri u Vanessa Vella - €12,800** (Akkuza Nru.3)

Illi l-**Ispettur Gafa** xehed kif fit-8 ta' Lulju, 2010, Camilleri u Vella ffirmaw konvenju quddiem l-imputat ghax-xiri t'appartament Jean La Cassiere Street, San Pawl il-Bahar. Hallew depozitu ta' €12,800 permezz ta' *bank draft* mal-imputat liema ammont kellu jghaddi lill-venditur, Anthony Gerada, meta jibda' xoghlijiet fl-appartament. Il-*bank draft* gie depozitat fil-kont bankarju ta' mart l-imputat, Helen, l-ghada 9 ta' Lulju, 2010. Hekk kif bdew ix-xoghlijiet Gerada talab ic-cheque u dan inghata wiehed mahrug mill-kont ta' Helen fid-9 ta' Novembru, 2010, li gie *referred to drawer*. Irrizulta li l-kont li minnu nhareg ic-*cheque* kien ilu ma jkollu fondi bizzejjed biex ikopru l-ammont sa minn Awissu, 2010. Sakemm il-pulizija baqghet taghmel l-sforzi taghha biex tintracca lill-imputat, li kien halla Malta, Gerada kien informa lill-pulizija li kien thallas mill-imputat.[10]

Illi **Dane Philip Camilleri** xehed kif fit-8 ta' Lulju, 2008, ghamel konvenju ghax-xiri t'appartament fi Triq Jean de La Cassiere, San Pawl il-Bahar, ghand in-nutar Falzon u halla depozitu mieghu ta' €12,800; prezenti kien hemm martu Vanessa Vella u l-venditur Anthony Gerada. Il-kuntratt ta' bejgh ma sarx fiz-zmien tat-tlett xhur kif stipulat u pprova jfittex lin-nutar izda ma setghax jaghmel kuntatt mieghu. Spicca kellu jerga' jaghmel kuntratt gdid u johrog depozitu mill-gdid izda xi 6 xhur wara li sar rapport mal-pulizija, thallas il-flus lilu dovuti.[11]

---

[9] **Dok. 1A** f' **Dok. AG** – *"Ammont ta' Taxxa li ghandu Jithallas" fl-Avviz ta' Trasferiment Inter Vivos, L-Ewwel Skeda.*

[10] Fol.28

[11] Fol.61-63

Illi **Vanessa Camilleri** kkonfermat kif meta gew biex jaghmlu l-kuntratt ta' bejgh ma setghux jaghmlu kuntatt mal-imputat[12] *"..tajna d-depositu tal-post taghna tal-ammont ta 12,800 Euros id-depositu ta fuq il-post 10%....Il-konvenju ghamilnieh fl-Lulju 2010 mbaghad gejna biex naghmlu l-kuntratt lejn l-ahhar tas-sena lejn Novembru bdejna nippruvaw naghmlu kuntatt. Bazikament mbaghad ghal habta ta Jannar konna bdejna ninkwetaw u tkellimna mal-avukat taghna u mal-pulizija.... wara ftit tax-xhur ghal habta ta Marzu gejna approachjati minn naha tan-nutar u l-flus taghna inghataw lura 12,800 inghataw lura min-nutar.... Inghataw lura lilna f'Marzu tal-2011."*[13]

L-estratt esebit juri li dan il-kuntratt sar fil-5 ta'Settembru, 2011 u gie insinwat fit-13 ta' Settembru, 2011, minn **nutar gdid, Dr. Reuben Debono**.[14]

Illi **Anthony Gerada** xehed li meta Dane Camilleri ghamel il-konvenju ta' bejgh, hu kien prezenti u rah jghaddi *cheque* lil l-imputat *"Tah ic-cekkijiet tad-deposit, qalli jien nixtieq nhallihom ghand Dr Falzon, ghidtlu ghandek dritt u hallihom ghand Dr Falzon"*.[15]

Illi **Romwald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valleta plc. esebixxa *bank draft* fl-ammont ta' **€12,800 pagabbli lin-Nutar Falzon li gie depozitat fil-kont nru 1110160122 mizmum f'isem Helen Falzon**.[16] Jirrizulta li dan gie hekk depozitat nhar id-9 ta' Lulju, 2010.[17]

3. **Ahwa Grech, ulied Emanuel Grech - €4,250** (Akkuza Nru.4)

Illi l-**ufficjal investigattiv** spjega li fid-9 ta' Dicembru, 2009, it-tfal ta' Grech flimkien ma' zwieghom iffirmaw kuntratt ta' trasferiment quddiem in-nutar li permezz tieghu akkwistaw appartament minghand is-Sur Michael Bernard Carton u l-mara tieghu Margaret Enrose Carton ghal €85,000. Fl-istess gurnata ix-xerreja kienu hallsu s-somma ta' €4,250

[12] Fol.64
[13] Fol.65-66
[14] **Dok.MM** a fol. 1167-1168
[15] Fol.98
[16] Xhieda a fol.83. Vide **Dok. AG6** a fol.86-97
[17] Vide fol.87

lin-nutar permezz ta' *cheque* personali biex ikopri il-boll. Ic-*cheque* issarraf f'kont bl-isem Elpirega Ltd., registrat f'ismu u f'isem martu izda l-flejjes baqaw ma ghaddewx lid-DIR u b'hekk il-kuntratt ta' trasferiment baqa' ma giex registrat.[18]

Illi **Adrian Grech u Josianne Grech** xehdu kif fid-9 ta' Dicembru, 2009, sar kuntratt u huma hallsu lin-nutar €4,250 sabiex jithallas il-boll. Ricevuta li thallas dan il-boll ircevewha fl-14 ta'Jannar, 2013.[19]

Illi **Gordon Grech u Sarah Grech** ikkonfermaw li hallsu lill-imputat €4,250 bhala boll fuq xiri ta' post u li f'Jannar, 2013, saru jafu li l-imputat hallas il-flus dovuti minnhom lil Gvern.[20]

Illi **Salvina Grech** xehdet kif flimkien ma hutha Adrian Gordon u Justin u missierha Emanuel xtraw post San Pawl il-Bahar u hallsu €4,250 lin Nutar biex dan ihallas il-boll. Dawn baqaw ma thallsux sal-14 ta' Jannar, 2013, meta ircevew l-ircevuta u saret taf li hallashom l-imputat.[21] **Emanuel Grech** ikkonferma ix-xhieda ta' bintu.[22]
Illi **David Galea** ghal APS Bank kkonferma li c-*cheque* mahrug fil-31 ta' Dicembru, 2009, ghal €4,250 hareg mill-kont ta' Emanuel u Saveria Grech u kien pagabbli lill-imputat.[23]

Illi **Romwald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valleta plc. esebixxa kopja ta' ***cheque* mahrug mill-kont ta' Emanuel u Saveria Gech fl-ammont ta' €4,250 datat il-31 ta' Dicembru, 2009, lil Dr. Pierre Falzon**.[24] Dan **gie depozitat fil-kont tal-kumpanija Elpirega Ltd fl-istess jum**[25]; il-firmatarji ta' din il-kumpanija huma l-imputat u Helen Falzon.[26]

---

[18] Fol.29
[19] Fol.68-69
[20] Fol.92
[21] Fol.95-96
[22] Fol.96
[23] Fol.167 *et seq.* Riprodott a fol. 662. Vide *cheque image* **Dok. DG29.3** a fol. 664;
[24] Vide **Dok. AG 5** a fol.84 u fol.85.
[25] Vide fol.85
[26] Fol.83

4. **Graziella Gatt - €4,306/Central Homes Style Ltd. - €10,605** (Akkuzi Nru.5 u 6)

Illi l-**Ispettur Gafa** xehed kif gie rrapurtat lilu li fil-31 ta' Mejju, 2010, Gatt iffirmat kuntratt ta' trasferiment quddiem in-Nutar li permezz tieghu akkwistat penthouse u garage minn Central Homes Style Ltd. (C 33653) li nxtara ghal €151,410. Fl-istess gurnata Gatt hallset lin-nutar €4,306 biex jthallas il-boll.[27] Minkejja li c-*cheque* issarraf il-boll baqa' ma thallasx u l-kuntratt ghalhekk ma giex registrat. Investigazzjonijiet zvelaw li c-*cheque* gie depozitat f'kont bankarju ta' kumpanija tal-konjugi Falzon, P.E.R.G. Ltd. Irrizulta wkoll li l-vendituri ghaddew lin-nutar biex ihallas il-*capital gains tax* l-ammont ta' €10,605. Dan l-ammont kien baqa' ma thallasx lid-DIR izda fit-22 ta' Novembru, 2011, id-DIR informa lill-pulizija li l-kuntratt gie registrat fit-28 ta' Gunju, 2011, u l-boll u l-*capital gains tax* kienu thallsu wkoll.[28]

Illi **David Tabone** in rapprezentanza ta' Central Homes Ltd. xehed li kien sar kuntratt ta' bejgh man-nutar Falzon li nghata €10,605 biex tithallas it-taxxa dovuta *"il-kuntratt kien sar fl-2009 u t-taxxa ghaddiet fl-2011"*. Ikkonferma il-kuntratt ta' konvenju maghmul fil-31 ta Mejju, 2010[29] u l-dokumentazzjoni mmarkata 4A sa 4J.

Illi **Graziella Gatt** xehdet kif ghamlet kwerela kontra l-imputat wara li rrizulta li ma kienx irregistra kuntratt ta' xiri ta` propjeta` liema kuntratt sar f'Mejju, 2010.[30] *"kont gejt kkuntatjata minghalija f'Jannar ta sentejn ilu [2011], minghand il-bejjiegh tal-post tieghi, u kien saqsieni jekk kontx ircivejt l-ircevuta minghand il-Commissioner of Inland Revenue fuq ix-xiri tal-post, mort iccekjajt u l-ircevuta ma kinitx hemmhekk. Mbaghad bdejt nicekkja ghall-affarijiet tieghi biex nara x'kien gara u rrizulta li l-post tieghi ma kienx irregistrat u l-flus ghalkemm ic-cheque kien imsarraf ma kinux ghaddew ghand il-Kummissarju..... l-ewwel bdejt nipprova nikuntatja lin-nutar hux imma lin-nutar ma stajtx nikkuntatjah, ma kienx reachable somehow.... .. iffajljajt ir-rapport mal-pulizija u minn hemmhekk ppruvajt anki nikuntatja n-nutar tieghi biex nissettiljaw. Finalment irnexxieli nikuntatja n-nutar u d-data meta ssetiljajna kienet it-28 ta' Gunju tat-2011 jigifieri issa jiena ghandi l-ircevuta*

[27] Fol.30

[28] Fol.30-31

[29] **Dok.4A**

[30] Fol.71-72

*tal-Kumissarju tat-Taxxi Nterni li kollox f'postu.".* Tikkonferma li l-boll thallas lid-DIR ghax irceviet l-ircevuta.[31]

Gew esebiti *cheques* mahruga minn Gatt lill-imputat datat il-31 ta' Mejju, 2010, ghal €4,306 u iehor datat id-9 t'Ottubru, 2009, ghal €15,000.[32] **David Galea** in rapprezentanza tal-APS Bank, ikkonferma li dawn inhargu mill-kont ta' Gatt.[33] Riprodott[34] esebixxa kopji dawn ic-cekkijiet intestati f'isem l-imputat mahruga mill-kont ta' Gatt li gew depozitati mal-BOV.[35]

Illi **Romwald Attard** in rapprezentanza tal-BOV ikkonferma *cheques* ta' €15,000 mahrug fid-9 t'Ottubru, 2009,[36] li gie depozitat fil-kont ta' Elpirega Ltd. (40010965810), u iehor datat 31 ta' Mejju, 2010, fl-ammont ta' €4,306[37] li gie depozitat fil-kont ta' P.E.R.G. Ltd (4001163593) mahrugin mill-kont ta' Graziella Gatt. Illi **Joanna Bartolo**[38] ghall-istess bank kkonfermat li dan ic-**cheque kien intestat f'isem l-imputat[39] u gie depozitat fil-kont nru. 4001965810 f'isem Elpirega Ltd., filwaqt li iehor pagabbli lilu datat il-31 ta' Mejju, 2010, ghal €4,306 gie depozitat f'kont nru. 4001163453 f'isem P.E.R.G.Ltd.[40] Bhala firmatarji taz-zewg kumpaniji li rcevew ic-cekkijiet hemm Pierre Fazon u Helen Falzon**.[41]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li l-hlas sar.[42] Jirrizulta minn Dok.4J[43] li fit-28 ta' Gunju, 2011, thallas il-boll ta' €4,306 u l-*capital gains tax* ta' €10,605.[44]

5. **Antoine & Mary Rose Muscat - €7,600** (Akkuza Nru.7)

---

[31] Fol.72-73. Riprodotta a fol.666-669
[32] **Dok. 4Cu 4D** f' **Dok. AG**
[33] Fol.121-122
[34] Fol.662
[35] **DOK. DG1 29.3** a fol. 664A u **Dok. DG2 29.3** a fol.665
[36] **Dok.4D**
[37] **Dok.4C**
[38] Fol.655-656
[39] Cheque - **Dok. JB29.3** a fol. 658
[40] **Dok.JB1.29.3** a fol. 659
[41] Fol.656
[42] Fol.125
[43] F' **Dok.AG**
[44] Fol.157

Illi l-**Ispettur Gafa** xehed li fid-9 ta' Settembru, 2010, il-koppja Muscat iffirmaw konvenju quddiem in-Nutar biex jixtru propjeta` f'Burmarrad minghand Adam Charles u Glenda Spiteri ghall-ammont ta' €60,000. Dakinhar tal-konvenju l-kwerelanti ghaddew is-somma ta' €600 fi flus kontanti biex ikopru l-1% *provisional stamp duty* kif ukoll *bank draft* ta' €7,000 li n-nutar obbliga ruhu jghaddih lil vendituri fid-data tal-kuntratt li kellu jigi ffirmat nhar it-3 ta' Dicembru, 2010. Il-kuntratt qatt ma sar u €600 baqaw ma thallusx lid-DIR u s-€7,000 qatt m'ghaddew ghand il-venditur. Il-pulizija sabet li dawn is-€7,000 thallsu bhala parti minn somma akbar lil certu Joseph Cassar. Fit-22 ta' Novembru, 2011, id-DIR informa lill-pulizija li l-istess partijiet iffirmaw konvenju gdid fil-11 ta' Jannar, 2011, u wara sar kuntratt gdid fl-20 ta' Mejju, 2011**, quddiem nutar differenti**.[45] Gie kkonfermat li sat-22 ta' Dicembru, 2011, in-nutar kien hallas lura l-ammont ta' €7,000 lill-konjugi Muscat.[46]

Illi **Antoine u Mary Rose Muscat** spjegaw kif ghamlu konvenju fuq garage u hallsu €7,600 izda l-konvenju baqa ma giex registrat. Ikkonfermaw izda li wara 6 xhur dawn il-flejjes inghataw lura u ghalhekk ma kienx baqghalu interess fil-kawza.[47] Adam Charles Spiteri kkonferma li kien biegh garage lill-konjugi Muscat .[48] Mill-kwerela esebita mill-legali taghhom datata l-14 ta' Jannar, 2011,[49] jirrizulta li hallsu €600 biex issir hlas lid-DIR u €7,000 biex jithallsu lill-vendituri meta jsir il-kuntratt ta' bejgh. Il-konvenju sar fid-9 ta' Settembru, 2010, bil-kuntratt ikollu sad-9 ta' Dicembru, 2010 biex jigi pubblikat. Irrizulta mill-atti esebiti li l-*banker's draft* ta' €7,000 datat 7 ta' Settembru, 2010,[50] mahrug f'isem Mary Rose Muscat gie ggirat minnha u depozitat fil-kont ta' certu Joseph Cassar detentur tal-kont bankarju mal-BOV plc. 40010282137 fil-11 ta' Settembru, 2010.[51]Riprodotti jikkonfermaw li kull ma lahhqu ghamlu man-nutar kien konvenju izda l-kuntratt ta' bejgh baqa' ma sarx;[52] Ikkonfermaw ukoll li hallsu lill-imputat €7,700 permezz

---

[45] Vide **Dok. 5E-F f'Dok.AG** u Xhieda Patrick Grima a fol. 157
[46] Fol.31-32
[47] Fol.105-106
[48] Fol.107
[49] **Dok. AG – Dok.5A**
[50] **Dok. 5C f'Dok.AG**
[51] **Dok. 5B f' Fok. AG**
[52] Fol.646

ta' *bank draft*.[53] Wara sitt xhur il-flus gew ritornati. Adam Spiteri ukoll riprodott ikkonferma li sussegwentement il-bejgh sar **quddiem nutar iehor**.[54]

Illi **Joseph Cassar** kkonferma li kien **rcieva ic-*cheque* ggirat minn Mary Rose Muscat[55] minghand l-imputat** wara li kienu ftehmu li kellu jaghtih ammont ta' flus mertu ta' kawza ohra *"U bhala parti minn pagament tani dak."*.[56]

Illi **Romwald Attard** in rapprezentanza tal-BOV ikkonferma *bank draft* mahrug fuq Mary Rose Muscat fl-ammont ta' €7,000[57] li gie depozitat fil-kont ta' certu Joseph Cassar bil-karta tal-identita` tieghu nru. 235162M.[58] **Joanna Bartolo**[59] ghall-istess bank, ikkonfermat li *bank draft* mahrug fuq struzzjonijiet ta' Mary Rose Muscat fis-7 ta' Settembru, 2010, gie depozitat fil-**kont ta' Cassar**.[60]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li sa Dicembru, 2013, meta xehed, il-boll kien baqa' ma thallsx.[61] Jidher li l-flus inghataw lura lill-kwerelant, kif fil-fatt xehdu.

**Eredi Guzeppe Ciantar - €11,000** (Akkuza Nru.8)

Illi l-**Ispettur Gafa** xehed kif irceva rapport li Josephine Camilleri flimkien ma werrieta ohra ta' Guzeppe Ciantar kienu avvanzaw cheque fl-ammont ta' €11,000 lin-nutar biex ikopri bol dovut fir-rigward ta' *causa mortis* li giet ffirmata quddiem l-istess nutar fit-2 ta' Settembru, 2008. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija gie stabililt li c-cheque kien gie depositat f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd. [62]

---

53 **Dok.MAM-MA**M1 a fol. 650-651
54 Fol.653
55 Xhieda a fol.109-110. Cheque **Dok. 5C f'Dok.AG**
56 Fol.109
57 **Dok. 5B f'Dok.AG**
58 Fol.119
59 Fol.656
60 **Dok. JB2.29.3** a fol. 660
61 Fol.124
62 Fol.32-33

Illi **Giovanna Ciantar** mietet nhar id-29 ta' Novembru, 2010.[63]

Illi **Josephine Camilleri** spjegat kif hi u hutha marru ghand l-imputat biex issir *causa mortis* wara li saret stima tal-post fejn l-ammont dovut mill-ahwa u ommha kien dak ta' €11,000, u hi gabret il-flus ta' hutha u harget *cheque* minn taghha bl-ammont kollu. *"U f'Jannar heqq jiena mort bic-cekk, tajtu c-cekk ghandi photocopy taghha tajtu c-cekk u kont naf li rrid nircievi rcevuta cilesta, u din l-ircevuta cilesta ma waslet qatt, kont incempillu. Sa dan it-tant l-ufficcju tar-Rabat ghalaq ghax jien ir-Rabat kont immur St Paul's Street, ghalaq u kont immur il-Belt biex nghidlu din l-ircevuta meta ha tasal, kien jghidli issa nibghathielek mbaghad nibghatlek ta hutek u qassamha inti. U qatt ma waslet din l-ircevuta,... U nahseb ghaddew xi sentejn u kont immur l-office mbaghad kien ikun maghluq, incempel hadd ma jirrispondieh mbaghad meta hsibt l-iktar hazin meta l-mobile meta kont incempillu fuq il-mobile kien jghidli dan in-number m'ghadux jezisti."*;[64] dan wassalha biex taghmel kwerela.

Illi **Romwald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valleta plc. esebixxa kopja ta' *cheque* fl-ammont ta' **€11,000 mahrug fit-8 ta' Jannar, 2009, lill-imputat mill-kont ta' Josephine Camilleri,**[65] **li gie depozitat fil-kont ta' Elpirega Ltd**.[66]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li sa Dicembru, 2013, meta xehed, il-boll kien baqa' ma thallsx u dan meta l-*causa mortis* saret fis-26 ta' Marzu, 2010.[67] Dan gie kkonfermat minn **Dr. Rachel Azzopardi** meta xehdet fl-ahhar ta' Jannar, 2014.[68]

6. **Jane Agius et (ulied Joseph Agius) - €24,451**[69] (Akkuza Nru.9)

---

[63] Fol.134

[64] Fol.136

[65] **Dok. AG7** a fol.142

[66] **Dok. AG8** a fol.143

[67] Fol.124

[68] Fol.144-145; Vide **Dok. AG9** a fol.146 *et seq.*

[69] Fol.33-34

Illi l-**Ispettur Gafa** spjega kif fis-26 ta' Marzu, 2010, il-kwerelanta Jane Agius u hutha akkwistaw propjetajiet varji minghand missierhom Joseph Agius permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni ffirmat fl-istess gurnata quddiem in-nutar fejn dan gie moghti *cheque* ta' €24,451 biex ikopri l-boll dovut.[70] Irrizulta li ghalkemm ic-*cheque* gie msarraf il-flus ma ghaddewx lid-DIR u ghaldaqstant dan il-kuntratt ta' donazzjoni qatt ma kien gie insinwat. L-investigazzjoni tal-pulizija kkonfermaw li c-*cheque* kien gie depositat f'kont bankarju f'isem mart in-nutar <u>Helen aka Helenita Falzon</u>.

Illi **Jane Agius** spjegat kif hi u hutha marru ghand l-imputat jaghmlu biex issir din id-donazzjoni u <u>l-flus li hallsu lin-nutar, sa sena wara baqaw ma gewx irregistati mad-DIR</u>. Qalet li tkellmet man-nutar kemm telefonikament u personalment[71] Ghalkemm giet mgharrfa mill-bank li c-cheque gie msarraf, <u>***"Le le xejn ghadu ma giet settled, xejn ma gie rregistrat."***[72]</u>

Illi **Julian Agius** xehed li fil-presenza tieghu n-nutar kien thallas minn missieru madwar €20,000-€25,000 b'*cheque* ta' missieru.[73]

Illi fil-fatt **giet esebita ricevuta mahruga mill-imputat fejn qed jiddikjara li rcieva €24,451 *"from Agius family services and stamp duty on contract causa mortis"***.[74] L-att innifsu jiddikjara ammont globali ta' €24,864.

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR xehed li l-*causa mortis* giet ffirmata fis-26 ta' Marzu, 2010, izda it-taxxa dovuta **baqaghet ma thallsitx**.[75]

Illi **Romwald Attard** ghal BOV xehed li **c-*cheque* ta' €24,451 datat is-26 ta' Marzu, 2010 gie depozitat f'kont ta' Helen Falzon, I.D. no. 506761M**, l-ghada 27 ta' Marzu, 2010.[76]

---

[70] **Dok.7A f'Dok.AG**
[71] Fol.280
[72] Fol.281
[73] Fol.932
[74] **Dok.7B f'Dok.AG**.
[75] Fol.156
[76] Fol.161

Illi **Audrey Ghigo** kkonfermat li dan kien cheque tal-HSBC, intestat *f'isem "Dr. Pierre Falzon"*, mahrug mill-kont ta' Joseph Agius.[77]

7. **Vincent & Maria Rosaria Magro - €3,262 u Carmel u Martu Maria Concetta Tonna - €11,180** (Akkuzi Nru.18 u 19)

L-ispettur Gafa ta rendikont tar-rapport li sar mill-konjugi Magro. Fit-18 ta' Novembru, 2009, l-koppja Magro ffirmat kuntratt ta trasferiment quddiem in-nutar li permezz tieghu akkwistaw appartament minghand il-koppja Tonna bil-prezz ta' €93,174.09. Fl-istess gurnata x-xerreja u l-vendituri hallsu lin-nutar €3,262 u €11,180 biex ikopru fl-ewwel parti il-boll u fit-tieni parti t-taxxa fuq id-dhul tal-*capital gains tax* rispettivament Dawn il-pagamenti kienu saru permezz ta *bank drafts* u rrizulta li n-nutar qatt ma kien ghadda dawn il-fondi lid-DIR u ghaldaqstant dan il-kuntratt qatt ma kien gie rregistrat. Gie zvelat li l-flejjes gew depositati f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd. imhaddem minn nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. [78]

Illi **Carmel u Maria Concetta Tonna,** il-vendituri**,** xehdu li bieghu post lil Vincent Magro u dan hadhom ghand l-imputat. Xi zmien wara qallu imur jiccejka fl-ufficju tad-DIR fi Strada Merkanti jekk hargitx l-ircevuta u kif ra li din ma saritx sar rapport lill-pulizija. Kienu avvanzaw flejjes ghall-boll u taxxa.[79] Tonna jghid li riceuta ghall-hlas li ghamel *(capital gains tax)* ghadu ma rceviex.[80]

Din ix-xhieda giet kkonfermata ukoll minn **Vincent Magro,** ix-xerrej, li qal li hu kien rcieva ricevuta ghall-ammont ta' €2,330.25. Mill-ircevuta esebita jirrizulta li l-hlas sar minn *bank draft* tal-BOV.[81] Riprodott f'Mejju, 2016 ikkonferma li ma kienx baqa' pendenzi man-nutar galadarba l-boll thallas.[82]

---

[77] Fol.164; vide **Dok. AG11** a fol.166; Ic-cheque innifsu hu esebit bhala **Dok.7D f'Dok.AG**.
[78] Fol.37
[79] Fol.252-253
[80] Fo.253
[81] **Dok. AG20** a Fol.256
[82] Fol.900

Illi **Romwald Attard** ghal BOV kkonferma *bank draft* datat is-7 ta' Novembru, 2009, ghal €3,727 mahrug fuq isem Vincent Magro[83] u iehor datat it-13 ta' Novembru, 2009 ghal €86,769.60 mahrug fuq Charles Tonna.[84]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li sa Dicembru, 2013, meta xehed, il-boll kien baqa' ma thallasx ghalkemm il-kuntratt sar fit-18 ta' Novembru, 2010.[85] Riprodott xehed li l-boll thallas fl-20 ta' Frar, 2014 izda *capital gains tax* baqghet ma thallsitx peress li l-post mixtri kien id-dar residenzjali tal-konjugi Tonna ghal tlett snin[86].Dan jerga' jigi kkonfermat minn John Micallef ghall-istess dipartiment.[87]

Izda hu precizament hawn fejn il-Qorti skontrat **kontraddizzjoni bejn dak li ddikjara n-nutar u dak li gie ddikjarat fil-kuntratt innifsu**[88] u cioe` jekk il-propjeta` kienitx suggetta ghal *capital gains tax* jew le u dan meta in-nutar innifsu talab lil Tonna jhallas €11,180 ghal dan il-ghan.

Fil-fatt ix-xhieda ta' Tonna, li kien hallas €11,180 lin-nutar biex jithallas il-*capital gains tax*, hi korroborata mill-fatt li l-kuntratt ta' bejgh jindika precizament din is-somma bhala dik dovuta bhala *capital gains tax*.[89]

Dokument mahrug mill-Bank of Valletta jindika li **z-zewg *bank drafts* gew depozitati fil-kont ta' Elpirega Ltd fid-19 ta' Novembru, 2011, li tieghu l-imputat u martu huma firmatarji**.[90]

8. **Josephine Spiteri u hutha -** €4,585.57c (Akkuza Nru.20)

Illi nhar is-17 ta' Novembru, 2009, Josephine Spiteri u hutha dehru ghal kuntratt ta' trasferiment li permezz tieghu kienu qed ibieghu d-dar tal-genituri taghhom li kienu mejtin. Il-kuntratt gie ffirmat quddiem in-

[83] **Dok. AG17** a fol.239
[84] **Dok.AG16** a fol.238
[85] Fol.124
[86] Fol.240; Vide **Dok.AG18** a fol.242-245
[87] Fol.246 *et seq.*
[88] **Dok.9A f'Dok.AG**
[89] **Dok.9A f'Dok.AG**
[90] **Dok.9E f'Dok.AG**

nutar u prezenti ghalih kien hemm Paul Spiteri, Mario Spiteri, l-kwerelanta Josephine Spiteri u Monica Spiteri (vendituri) u Steven Galea (xerrej). Fl-istess gurnata Galea ghadda €18,635 bil-patt li n-nutar jghaddihom lil vendituri meta jigi ffirmat il-kuntratt ta' bejgh. Fid-data tal-kuntratt in-nutar Falzon ghadda 12 il-*cheque* lil dawn il- l-vendituri tlieta kull wiehed li bazikament kienu jammontaw ghal €24,485.57 il-wiehed u cioe` tliet cekkijiet lil kull parti f'dawn l-ammonti. Josephine Spiteri sabet li 11 il-*cheque* kienu gew msarrfa minghajr problemi mentri l-ahhar wiehed kien gie *referred to drawer*. <u>Spjegat kif in-nutar Pierre Falzon kien qallilha ssarraf dan ic-cheque qabel il-hmistax ta Lulju, 2010</u>. Ghamlet diversi tentattivi man-nutar biex jinhareg *cheque* gdid izda ma rnexxiliex. Il-pulizija sabu li kemm il-boll kif ukoll il-*capital gains tax* gew mhallsa izda analizi tal-kontijiet bankarji zvelat li bejn is-17 ta' Novembru, 2009, u l-15 ta' Lulju, 2010, <u>kien hemm bizzejjed fondi</u> sabiex dan ic-cheque seta jigi msarraf f'dan il-kont.[91]

Illi **Joseph Caruana** in rapprezentanza tal-BOV esebixxa kopja ta' *bank draft* nru. 711743 mahrug fit-13 ta' Mejju, 2009, pagabbli lil Stephen Galea ghal €18,635.[92] Dan id-*draft* gie depozitat fil-kont ta' <u>Elpirega Ltd</u>. (no. 40011634593) li mill-*statement of account* ta' dik il-kumpanija jidher li gie hekk depozitat fil-1 ta' Gunju, 2009.[93] L-istess xhud esebixxa *statement of account* ta' din il-kumpanija li juri t-transazzjonijiet kollha li saru minn Jannar 2009 sat-12 t'April, 2011.[94]

Illi **Josephine Spiteri** xehdet kif sar kuntratt ta' bejgh quddiem l-imputat hi giet moghtija *cheque* minnu fl-ammont ta' €4,500 datat il-15 ta' Lulju, 2010. Dan ic-cheque mahrug mill-kont ta' P.E.R.G.Ltd. jidher li gie *referred to drawer* fit-28 ta' Frar, 2011. [95] Ix-xhud tikkonferma li l-imputat kien beda jroddilha lura l-flus dovuti lilha u fid-data li xehdet, Dicembru, 2014, kien baqa jroddilha flusha.[96] Riprodotta f' Mejju, 2016 **tixhed li in-nutar kien ghad irid ihallasha €4,000.**[97]

Illi mill-fattispeci ta' dan il-kaz **ma jidhirx li jinkwadra r-reat ta' approprijazzjoni indebita izda dak ta' frodi li madanakollu hu reat li**

---

[91] Fol.38-39

[92] **Dok. AG 24** a fol. 299

[93] **Dok. AG 24** a fol. 300

[94] **AG25** a fol.306 *et seq.*

[95] Fol.283. Cheque esebit bhala **Dok. AG22** a fol.286

[96] Fol.284

[97] Fol.905

**ma giex akkuzat bih l-imputat**.[98] Ghaldaqstant fuq dan il-kaz ma tistax tinstab htija fl-akkuzat.

9. **Emanuel & Emanuela Caruana - €3,420.50 u Maria Saveria sive Yvonna Lawson - €11,739** (Akkuzi Nru.21-22)

Illi l-**Ispettur Gafa** spjega kif fil-5 ta' Awwissu, 2009, Raymond Filletti, f'isem Lawson, kien dahal f'kuntratt ta' transferiment li permezz tieghu kien biegh apartament fil-Qawra lil koppja Caruana. Il-kuntratt kien gie ffirmat quddiem in-Nutar Pierre Falzon u fl-istess gurnata tal-kuntratt Filletti ghadda *cheque* lin-nutar ta' €11,739 biex tithallas il-*capital gains tax* filwaqt li x-xerrejja taw *cheque* lin-nutar fl-ammont ta €5,032.50 li minnhom in-nutar kellu jghaddi s-somma ta €3, 420.50c lid-DIR bhala boll. Irrizulta li ghalkemm ic-cekkijiet ssarfu, in-nutar qatt ma kien ghamel il-pagamenti rispettivi. Sussegwentement id-DIR informa lill-Pulizija li rcieva l-hlasijiet bejn Lulju u Awwissu 2011. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu wkoll stabbilew li c-*cheques* li kienu nghataw lin-nutar kienu gew depositati f'kont bankarju f'isem <u>Elpirega Ltd</u>. f'Awwissu 2009. Irrizulta **li n-nutar telaq minn Malta f'Settembru, 2010, u ghaldaqstant fil-fehma tal-ispettur kellu zmien bizzejjed sabiex jaghmel dawn il-hlasijiet kieku hekk ried.**[99]

Illi mill-kuntratt ta' bejgh tal-5 t'Awissu, 2009,[100] jirrizulta li l-boll dovut mill-konjugi Caruana kien dak ta' €3,426.50 filwaqt li l-*capital gains tax* dak ta' €11,739.

Illi **Emanuela Caruana** xehdet kif hi u zewgha xtraw appartament tramite is-sensar certu Ray Filletti u marru l-ufficju tan-nutar ir-rabat ghall-kuntratt li gharrfet bhala dak li kien sar fuq il-bejgh.[101] <u>Hallsu €3,426.50 lin-nutar biex jithallas il-boll</u> li nghtaw *"Lin-nutar...lin-nutar*

---

[98] Vide konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby (12.02.1999) u Il-Pulizija vs Philip Petroni (16.03.1999) rigward *bounced cheques*.

[99] Fol.39
[100] **Dok.11A f'Dok.AG**
[101] Fol.1183-1185

*iva".*[102] Wara gew mgharrfa li kienu ghadhom ma thallsux u cemplet lill-missier l-imputat *"Qalli lilkhom gie jaghmel hekk, ghax jafna mir-Rabat"*. Wara certu zmien saru jafu li dan thallas[103]

Illi **Emanuel Caruana** xehed kif Raymond Filletti kien qallu jkellem lill-pulizija wara li sab li l-kuntratt ta' bejgh li kienu ghamel ma martu fuq post il-Qawra ghand in-nutar ma kienx gie registrat. Kien tahom x'jifhmu li l-hlas li kellhom jaghmlu mal-Inland Revenue ma ghamlux izda ix-xhud mill-ewwel jiddikjara li kienu **hallsuhom lin-nutar *"three thousand four hundred".*** Wara fl-20 ta' Lulju, 2011, in-nutar kien irranga kollox u huma rcevew l-ircevuta.[104] Il-kuntratt kien sar fil-5 t'Awissu, 2009, izda l-ircevuta wasslet f'Lulju, 2011 u dan wara li ghamlu hafna tentattivi sabiex jintervjeni misssier l-imputat. [105] Meta sar dan ix-xiri huma bieghu post f'Parades Street, San Pawl il-Bahar, u bil-flus minnu hallsu lil Filletti *"bil-flus li bieghajna dar, xtrajna l-iehor, that's all."*[106]

Illi **Ray Filletti** spjega kif inghata prokura minghand Marija Saverja Lawson biex ibiegh appartament f'isimha *"u ghamilna l-konvenju u ghamilna l-kuntratt, **meta gejt biex inhallas it-taxxa n-nutar ghidtlu fuq min naghmlu c-cheque? U hu qalli ghamlu fuq ismi, u ghamiltu fuq ismu c-cheque jiena.** Mbaghad l-ircevuta wara ma rcivejtiex. U cempiltlu ghall-ircevuta dejjem b'xi skuza, mbaghad ghamilt rapport lil pulizija wkoll jiena, mbaghad kont ircivejt l-ircevuta li thallas ....l-ircevuta li giet fuq ismi li hallast l-ammont dovut."* Jispjega li kien jaghmel arrangamenti biex jiltaqa' man-nutar izda dan ma kienx jigi. Il-kuntratt sar fl-2009 izda l-ircevuta irceviha f'Awissu 2011. L-ammont kien ta' €11,739.[107] **Maria Lawson** kkonfermat li kienet inkarigat lil Filletti fuq il-bejgh tal-propjeta`[108].

Illi **Joseph Caruana** in rapprezentanza tal-BOV xehed li *cheque* mahrug fil-5 t'Awissu, 2009 intestat lin *"Notary Pierre Falzon"*[109]ghall-€11,739 mill-kont ta' Raymond u Marie Filletti[110] **gie depozitat fil-kont ta' Elpirega**

---

[102] Fol.1185
[103] Fol.1186
[104] Fol.1191-1192
[105] Fol.1193
[106] Fol.1194
[107] Fol.75
[108] Fol.925
[109] Parti minn **Dok.11A u 11B f'Dok.AG**
[110] **Dok. AG23** a fol.296

**Ltd.; dak bin-numru 40010955422 - Savings Named**. L-istess gara b'*cheque* iehor ghal €5,194 mahrug fl-istess data fuq Elpirega Drafts mill-kont ta' Helen aka Elenita Falzon.[111] Mill-istatement esebit fil-fatt jidher li sar depozitu fil-kont ta' Elpirega Ltd. fl-10 t'Awissu, 2009.[112] Il-firmatarji ghal Elpirega Ltd. huma n-nutar u Helen Falzon.[113]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li l-hlas sar fid-19 ta' Lulju, 2011.[114]

10. **Mark Pullicino & Anne Marie Gauci - €1,225 u €3,340** (Akkuzi Nru.23-24)

Fis-26 ta' Jannar, 2009, permezz ta kuntratt ta' trasferiment redatt minn Nutar Pierre Falzon, Mark Pullicino xtara il-parti tal-post li l-ex tfajla tieghu kienet is-sid taghha. Fl-istess gurnata Pullicino ghadda zewg cekkijiet lin-nutar wiehed ta' €2,300 u iehor ta' €3,340 sabiex jithallas il-boll u l-*capital gains tax*. Irrizulta li filwaqt li c-cekkijiet kienu ssarfu, in-nutar Falzon ma kienx ghadda dawn il-pagamenti lid-DIR. Fil-fatt ic-cekkijiet ssarfu fis-26 ta' Jannar, 2009, meta gew ddepozitati f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd. mmanagjata minn nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. Fit-22 ta' Novembru, 2011, id-DIR informa lill-pulizija li l-partijiet iffirmaw kuntratt gdid fil-5 ta' Awwissu, 2011, quddiem in-Nutar Castaldi Paris u kien gie mhallas il-boll ta' €1,225 l-ammont rimanenti wara li kien gja thallas €490 fuq l-ammont dovut bhala boll u cioe` dak ta' **€1,715**.[115]

Illi **Mark Pullicino** xehed li hu u Anne Marie Mangion kienu xtraw flat u garaxx flimkien u meta f'Novembru, 2008, ddecidew itemmu r-relazzjoni taghhom, marru ghand l-imputat biex jaqsmu l-beni fejn hu xtara l-parti taghha.[116] Il-konvenju gie registrat u f'Jannar, 2009, sar il-kuntratt izda sentejn wara gie infurmat mill-avukati tal-bank li ha *loan* minghandu li l-kuntratt ma kienx gie registrat. Jixhed li **hallas lill-imputat** *"elfejn u tliet*

[111] *Ibid.*
[112] Fol.297
[113] Fol.294
[114] Fol.125 u 157
[115] Fol.40. Vide **Dok 12G-12I f'Dok. AG**
[116] Fol.311

*mija [€2,300] lis-Sinjur ta' xogholu, u tlett elef u erba' mija u tletin Euro* ***[€3,430]*** *li kienu l-Capital Gains fees taghha ghax minflok hallsithom hi kont hallasthom jiena. U dawn ghosfru.....dawn ic-cekkijiet kienu msarrfin minnu ghax ahna konna ghamilniehom, hu* ***kien qalilna biex naghmluhom fuqu personali****, ....wara jidhirli fl-2011 wara li kienu bghatu ghalina l-Banek li jiena kont tlabt il-loan minghandu konna morna wzajna lil Dr Ian Castaldi Paris biex ergajna ghamilna l-kuntratt kollox mill-gdid...* ***Ergajna hallasna kollox****."* Mistoqsi x'gara mit-€3,430 tal-*capital gains tax* hu skjett fir-risposta tieghu *"Dawk ghosfru."*[117] Din ix-xhieda ta' Pullicino tigi konfermata minn **Anne Marie Mangion**.

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li l-boll kien baqa' ma thallsx ghalkemm il-kuntratt kien sar fis-26 ta' Jannar, 2009.[118] Il-hlas sar wara meta sar kuntratt iehor quddiem nutar differenti.[119]

Illi **Rebecca Micallef**[120] in rapprezentanza tal-APS kkonfermat dokumentazzjoni li ntbghatet lil-pulizja.[121] Jirrizulta li Mark Pullicino fl-20 ta' Jannar 2009 hareg *cheque* ghal €2,300 u fis-26 ta' Jannar, 2009, iehor ghal €3,430.[122]

Illi **Joseph Caruana**[123] ghal BOV xehed li cheques tal-APS Bank ghal **€2,300 u €3,430**[124] **gew depozitati fil-kont ta' Elpirega Ltd** (account no. 40010955422- Elpirega Ltd. Savings)[125] li l-benficcjarji tieghu huma in-Nutar Falzon u Helen Falzon

Il-kuntratt esebit mill-ispettur Gafa jindika li bhala boll kellu jithallas €1,715 (li minnhom thallsu €490) u €3,430 bhala *capital gains tax*. Dan ifisser li **Pullicino hallas €4,655 lin-nutar liema flejjes gew depozitati f'Elpiega Ltd. minflok ghand l-Erarju** kif kellu jaghmel in-Nutar ai

[117] Fol.312-313
[118] Fol.124
[119] Fol.157
[120] Fol.314-315
[121] **Dok.12C f'Dok.AG**
[122] **Dok.12D-12E f'Dok. AG**
[123] Fol.316-317
[124] **Dok.AG 26** a fol.318
[125] **Dok. AG27** a fol.319

termini tal-kuntratt redatt minnu wara li kien hu li ndika l-flejjes li kellhom jithallsu bhala taxxi.[126]

11. **Vincent & George Borg/Joseph & Grace Camilleri - €11,181/€3,728** (Akkuzi Nru.25-26)

Fit-3 ta' Marzu, 2010, Joseph u Grace Camilleri ffirmaw kuntratt ta' bejgh quddiem in-nutar Falzon fejn akkwistaw propjeta` fl-Imsida minghand Vincent Borg u huh Gorg Borg ghall-ammont ta' €93,175. Dakinhar tal-kuntratt l-ahwa Camilleri u Vincent Borg ghaddew is-somma komplessiva ta' €14, 909 lin-nutar Pierre Falzon biex jithallas boll u *capital gains tax* fuq dan il-kuntratt. Camilleri allega li wara li kien ghamel il-verifikazzjonijiet mad-DIR rrizultalu li minkejja li n-nutar kien sarraf ic-*cheque* dan ma kienx avvanza dawn il-flus lid-DIR. Il-pulizija kkonfermat li c-*cheque* €14,909 gie ddepositat f'kont bankarju f'isem P.E.R.G. Ltd. immexxi minn nutar u martu Helen Falzon. Ghalkemm il-kuntratt kien gie ffirmat fit-3 ta' Marzu, 2010, in-nutar kien stqarr li kien telaq minn Malta f'Settembru, 2010.[127]

Illi gew esebiti estratti mic-Certifikati tal-Mewt ta' Vincent Borg li juri li dan miet fis-16 t'April, 2011[128] u dak ta' Giorgio Borg li miet fil-15 t'April, 2014.[129]
Illi **Joseph Camilleri** xehed kif flimkien ma martu Grace Camilleri kien xtara dar fl-Msida minghand Vincent u George Borg. Il-vendituri haduh ghand l-imputat biex jaghmel il-kuntratt ta' bejgh. Zmien wara kien intebah li l-kuntratt tieghu baqa' ma giex registrat mad-DIR *"Issa jiena kont hallast,* ***hrigt dawn ic-cekkijiet, u bqajt mhux irregistrat, u bnejtu, u m'ghandi xejn... jekk immut it-tfal m'ghandhom xejn****"*[130] Ix-xhud esebixxa ***cheque*** **li ghadda lill-vendituri ghal €63,360[131] fit-3 ta' Marzu, 2010, u iehor pagabbli lin-nutar mahrug fl-istess data ghal €14,909 (*cheque* no. 32319)[132] li kien ikopri l-boll dovut minnu u t-taxxa li**

[126] **Dok.12A f'Dok.AG**
[127] Fol.41
[128] Fol.920
[129] **Dok.JF** a fol.936
[130] Fol.325
[131] **Dok. AG29** a fol. 336 et seq.
[132] **Dok. AG 30** a fol.337

**kellha tithallas mill-venndituri.** Jirrizulta mill-istatement esebit minnu li *cheque* no. 32319 ghal €14,909 issarraf fil-5 ta' Marzu, 2010.[133] Ikompli *"Kont kellimt lil avukat tieghi Dr Jean Paul Grech u kien f'kuntatt mal-avukat tieghu nahseb, u xi tliet darbiet fi tliet okkazjonijiet l-avukat tieghi kien gie mwieghed illi hu ddepozithom il-flus, pero x'hin kont immur nicekkja l-Insinwa kienu jghiduli le mhux veru. Jigifieri kien hemm jidhirli tliet okkazjonijiet."*[134]

Illi **Joseph Fenech**[135] in rapprezentanza tal-Banif bank kkonferma li Joseph Camilleri hareg ic-*cheque* ghal €14,909.[136] Dan **ic-*cheque* kien intestat lil Notary Pierre Falzon u jirrizulta li dan gie depozitat fil-kont ta' Helen aka Elenita Falzon fl-4 ta' Marzu, 2010**.[137]

12. **Josef & Stefania Saliba & Josef Vella -€2,915 u €4,076 / Francesca Saveria Santucci -** (Akkuzi Nru.27-29)

**L-Ispettur Gafa** spjega li fis-6 ta' Jannar, 2010, Michael Santucci dahal f'kuntratt ta' bejgh f'isem ommu Francesca Saveria Santucci fuq propjeta`fil-Gzira quddiem l-imputat. Ix-xerreja Saliba u Vella taw lin-nutar zewg cekkijiet, pagabbli lin-nutar Falzon, wiehed ghal **€4,076** li kien ikopri l-*capital gains tax* tal-venditur kif ukoll *cheque* iehor ta' €3,375 li kien ikopri l-boll dovut mix-xerrejja, liema bol kien fl-ammont ta' **€2,915** bid-differenza tkun ghall-spejjez notarili. Santucci allega li wara verifikazzjonijiet mad-DIR sab li n-nutar qatt ma kien ghadda dawn il-flus lid-DIR minkejja li ic-cekkijiet issarfu. L-investigazzjonijiet tal-pulizija wrew li dawn iz-zewg cekkijiet kienu gew depositati f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd. immexxi min-nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. Fit-22 ta' Novembru, 2011, id-DIR informa lill-pulizija li dak il-kuntratt kien gie rregistrat fl-ufficcju taghhom fil-5 ta' Lulju, 2011, u il-boll ta' €2,915 thallas. Gie prezentat ic-Certifikat tal-mewt ta' Francesca Saveria Santucci li mietet fl-1 ta' Settembru, 2010.[138]

[133] **Dok. AG32** a fol.339
[134] Fol.328
[135] Fol.331
[136] **Dok. AG30** a fol.337
[137] **Dok.13D f'Dok.AG**
[138] **Dok. JF1** a fol.937

Kien irrizulta wkoll li minkejja li fil-kuntratt tas-7 ta' Jannar, 2010, l-imputat iddikjara li kien hemm *capital gains tax* dovuta ta' €4,076, meta, fil-5 ta' Lulju, 2011, gie biex jigi registrat il-kuntratt mad-DIR, l-imputat iddikjara li ebda tali taxxa ma kienet dovuta izda dan ma kienx minnu ghax il-konvenju stess jindika **li dawn l-€4,076 kienu fil-fatt dovuti mill-vendituri..** Fil-fehma tal-ufficjal investigattiv galadarba fil-kuntratt stess in-nutar iddikjara li kellha tithallas *capital gains tax*, il-fatt li wara mad-DIR ghamel dikjarazzjoni kuntrarja u xorta ha l-flejjes mill-venditur, dan ghamlu biex izomm l-ammont ghalih l-ammont mhallas mill-venditur intenzjonat li bih tithallas il-*capital gains tax*.[139]

**Fid-dawl ta' dak li ser jirrizulta mill-provi prodotti f'dawn l-atti, is-suspetti tal-ufficjal investigattiv immaterjalizzaw f'fatti pruvati**!

Illi **Joseph u Stefania Saliba** spjegaw kif xtraw post il-Gzira minghand s-sinjura Santucci u l-kuntratt sar quddiem l-imputat. Kienu tawh zewg *cheques* biex jithallas il-boll.[140] Dwar il-hlas jghid *"Kienu thallsu kollha iva...rcevejna l-karta tal-ircevuta"*.[141] Dawn ic-*cheques* nhargu mill-APS mill-kont ta' Joseph Saliba fuq isem l-imputat dakinhar tal-kuntratt, u cioe`fis-7 ta' Jannar, 2010.[142] Dan jigi kkonfermat mir-rapprezentant tal-APS Bank Rebecca Micallef.[143]

Illi **Josef Vella** xehed kif flimkien ma Josef Saliba u martu Stefania xtraw propjeta` minghand Michael Santucci u l-kuntratt sar quddiem l-imputat.[144] ***"Ahna hallasna l-bolol lin-Nutar…Lil Pierre Falzon tajnih cheque ta' 4,076 u tajnih iehor ta' 3,375… Hrignihom jiena u Josef Saliba"***[145]Jirrizulta li dawn ic-*cheques* inhargu fis-7 ta' Jannar, 2010 u kienu ntestati lil 'Dr Pierre Falzon'.[146] Joseph Saliba hallas ukoll b'*cheque* lil Michael Santucci €15,805.20 u €50,000, b'dan tal-ahhar jinhareg mill-*joint account* li kellu ma Vella.[147] Sussegwentement kien rrizulta li l-

139 Fol.41-42
140 Fol.369
141 Fol.370
142 **Dok. AG37** a fol.383-385
143 Fol.380 *et seq.* Vide **Dok. AG37**
144 Fol.1129-1130
145 Fol.1131
146 **Dok. JV** a fol. 1137
147 *Ibid.*

kuntratt ta' bejgh ma giex registrat, izda wara li bdew isusu warajh u ghaddiet xi sena l-kuntratt gie registrat.

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li l-hlas ghal boll sar fil-5 ta' Lulju, 2011, bil-boll ta' €2,915 jigi mhallas.[148]

Illi **Joseph Caruana** ghall-BOV xehed li *cheques* fl-ammonti ta' **€4,076 u €3,375 kienu gew depozitati fil-kont nru 40010965810 (current account) tal-kumpanija Elpirega Ltd** bil-firmatarji tal-kont ikunu in-Nutar Pierre Falzon u Mrs Helen Falzon. Mill-*statement of account* jidher li dawn gew depozitati flimkien fil-11 ta' Jannar, 2010 meta sar depozitu ta' €7,451.[149]

Illi **Michael Santucci** xehed kif kien biegh propjeta` lil Vella u li x-xerrejja hallsuh b'*cheque* izda minnhom qatghu €4,076 taxxa li kellha tghaddi ghand il-Gvern.[150] Ikompli *"Thallsu lin-Nutar direttament lilu thallsu ghax hu qatahomli mis-somma li kelli niehu, ghax hu qalli biex ma toqghodtx tmur ghand tat-taxxa naqtawhom bil-lest, u hu geghlu jaghmel cekk pagabbli lilu lin-Nutar."*[151] **Fil-fatt il-kuntratt rilevanti jistipula li bhala *capital gains tax* li kellha tithallas kienet dik fl-ammont ta' €4,076**. Itemm ix-xhieda tieghu billi jghid li qatt izjed ma kellu kuntatt man-nutar.

**Il-kontradizzjoni (bejn iz-zewg dikjarazzjonijiet maghmula minn nutar)** tkompli tohrog u dak li ssuspetta Gafa jigi konfermat, meta jigi analizzat dak li gie prezentat bhala dokumentazzjoni relattiva ghall-bejgh lid-DIR, fejn taht il-firma tan-nutar hemm dikjarat li kien hemm dovuti biss *"Taxxa fuq dokumenti"* ta' €2,915[152] izda fejn hemm indikat dik it-taxxa li kienet dovuta ai termini tal-***"Att dwar l-Income"* din hi indikata bhala *NIL*[153] *u dan meta l-valur taxxabbli tal-propjeta` hu dak* €58,234.23[154]** peress li hemm dikjarat ukoll *"Francesca Saveria Santucci residenza"*[155]

---

[148] Fol.125 u fol.158
[149] **Dok. AG35** a fol.374 – depozitu ta' €7,451.00
[150] Fol.377
[151] Fol.378
[152] Fol.569-570
[153] Fol.570
[154] Fol.569. Vide ukoll fol.571 fejn il-prezz indikat tal-projeta` mibjugha kienet dak ta' €58,234.33
[155] Fol.570

**Kien ghalhekk li l-Qorti skontrat konflitt bejn dak dikjarat lid-DIR u dak li hemm citat fil-kuntratt:** Fil-kuntratt esebit minn Angelo Gafa - **14A** – insibu: *"Ghal fini ta' l-att dwar it-**taxxa kapitali finali** qieghed jigi hawn dikjarat illi t-taxxa tammonta ghas-somma ta' erbat elef u sitta u sebghin Ewro* ***(Eur4,076),*** *pagabbli bir-rata finali ta' seba fil-mija (7%) stante li l-propjeta` gejja minn wirt li sehh qabel is-sena elf disa mija u tnejn u disghin (1992)".*[156]

**Allura ghaliex meta jigi biex jipprezenta d-dikjarazzjoni obbligatorja mad-DIR jiddikjara li t-taxxa dovuta ai termini tal-*"Att dwar l-Income"* hi *NIL*[157]*???***

Illi galdarba mid-dokumentazzjoni li esebixxa Patrick Grima, jirrizulta li l-uniku flejjes imhallsa kienu dawk tal-boll, €2,915.,[158] u maghdud ma dak li jigi dikjarat fil-konvenju tas-7 ta' Jannar, 2010, hemm ix-xhieda kemm ta' Vella u ta' Santucci fejn jiddikjaraw li l-imputat ha €4,076 biex tithallas il-*capital gains tax*, **id-dikjarazzjoni li saret sussegwentement minn nutar lill-Ufficju tal-Kummissarju ghat-Taxxi Interni, awtorita` pubblika, fejn jinghad li l-*capital gains tax* dovut huwa NIL,[159] hi wahda ghal kollox falza.**

Dawn il-provi l-Qorti issib ukoll mhux biss li gie pruvat sal-grad rikjest ir-reat ravvizat **bl-artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali** izda anke r-reat t'**approprijazzjoni indebita.**

Jirrizulta ppruvat li filwaqt li l-imputat **approprija ruhu indebitament ta' €7,451 intestati f'ismu meta dawn gew depozitati f' Elpirega Ltd. fil-11 ta' Jannar, 2010,** hu hallas biss il-boll dovut fl-ammont ta' €2,915 fil-5 ta' Lulju, 2011 u **zamm ghalih €4,076 li tah Saliba**.

Mhemmx dubbju li Dok.14B ikompli jikkorrobora dak li xehed Saliba **u cioe` li hu ghadda €4,076 biex jithallasu bhala *capital gains tax*. Minflok dawn gew depzitati f' Elpirega Ltd. Ghalhekk il-hlas ta' €4,076 ghadu dovut lil Joseph Saliba.**

---

156 Vide **DOk.14A f'Dok. AG**
157 Fol.570
158 Fol.566
159 Fol.570

13. **Frank & Sandra Masini - €1,864.13 u Josef Muscat - €5,590** (Akkuzi Nru.30-31)[160]

Illi **l-Ispettur Gafa** spjega kif fis-7 ta' Settembru, 2010, il-konjugi Masini ghamlu kuntratt ta' bejgh quddiem in-nutar Pierre Falzon li permezz tieghu akkwistaw propjeta` fl-Imsida minghand Josef Muscat ghal €46,580 u dakinhar stess hallsu lin-nutar €2,900 li kien jirraprezenta il-boll dovut; fil-fatt il-boll dovut kien ta' €1,864.13 u dan ghal fatt li 1% tal-bol kollu dovut kien gie mhallas mal-konvenju. Filfatt il-boll kollu dovut kien dak ta' €2,330[161] (1% tieghu kien gie mhallas mal-konvenju fl-ammont ta €465.87 Euros). Minn ricerki li ghamel Masini rrizultalu li dan il-hlas qatt ma kien gie mghoddi lid-DIR izda ic-*cheque* kien gie msarraf. L-investigazzjonijiet tal-pulizija wrew li c-*cheque* ta' €2,900 gie depositat f'kont bankarju f'isem P.E.R.G. Ltd.[162] u li l-venditur Muscat kien ukoll hallas €5,590 fi flus kontanti lin-nutar u dan sabiex in-nutar ihallas il-*capital gains tax* ghan-nom tieghu. Irrizulta wkoll li filwaqt li fil-kuntratt in-nutar kien iddikjara li l-*capital gains tax* dovuta kienet ta' €5,590, meta rregistra l-kuntratt mad-DIR fit-8 ta' Gunju, 2011, in-nutar iddikajara li ma kienet dovuta ebda taxxa minkejja li l-kuntratt stess kien jghid il-kuntrarju.[163] Minn verifici li saru mad-DIR irrizulta li €5,590 kienu fil-fatt dovuti bhala *capital gains tax* mill-venditur**.**

Sussegwentement nhar it-22 ta' Novembru, 2011, id-DIR informa lill-pulizija li dak il-kuntratt kien gie registrat maghhom fit-8 ta' Gunju, 2011, u l-boll allura ta €1,864.13 Euros kienet giet mhallsa **izda minhabba d-dikjarazzjoni li saret minn nutar ma thallas ebda ammont iehor bhala *capital gains tax.*** Fis-26 ta' Dicembru, 2011, Muscat gie mitkellem mill-pulizija fejn dan rega' kkonferma li kien ghadda l-flus lin-nutar u cahad li qatt tah xi struzzjonijiet sabiex jaghmel dikjarazzjonijiet foloz f'ismu mad-DIR.[164]

Illi **Frank Masini** xehed li flimkien ma martu Sandra kien xtara propjeta` l-Msida u meta mar jaghmel verifiki biex jara l-propjeta` gietx registrata,

160 Fol.43-44

161 Vide kuntratt **Dok. 15A f'Dok.AG**

162 Vide **Dok. 15E f'Dok.AG**

163 Fol.43

164 Fol.44

gie nfurmat li ma kienitx. Wara li dam jipprova jaghmel kuntatt man-nutar, l-boll minnu mhallas kien gie mhallas xi sena u nofs wara.[165]

Illi **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc xehdet kif inhareg *cheque* data is-7 ta' Settembru, 2010, minn kont ta' Mr Francis Masini ghal €2,900 li kien intestat lil P. Falzon u li gie negozjat mal-BOV.[166]

Illi dokumentazzjoni emibghuta mill-BOV turi li **c-*cheque* ghal €2,900 mahrug minn Frank Masini u pagabbli lil P. Falzon gie depozitat fil-kont nru.11201601022 registrat f'isem Helen aka Elenita Falzon** fid-9 ta' Settembru, 2010.[167]

Illi **Josef Anthony Muscat** xehed li kien biegh post l-Msida lil certu Frankie bil-konvenju u l-kuntratt isiru quddiem l-imputat.[168] Kien hallas it-taxxa dovuta minnu b'*cash* lin-nutar.[169] Xi xhur wara cempillu Frankie Masini li nfurmah li l-kuntratt ta' bejgh gie registrat.

Illi minn dak prezentat lid-DIR minn nutar, jigi indikat taht il-firma tan-nutar li kien hemm dovuti biss *"Taxxa fuq dokumenti"* ta' €1,864[170] izda fejn hemm indikat dik it-taxxa li kienet dovuta ai termini tal-*"Att dwar l-Income",* din hi indikata bhala ***NIL meta l-valur taxxabbli tal-propjeta` hu indikat bhala dak ta 46,600***.[171] Jigi indikat ukoll fuq dan id-dokument pprezentat lid-DIR ***li l-propjeta` li kienet qed tigi trasferita kienet "residenza".***[172] Dan meta Muscat, il-venditur, jiddikjara quddiem il-Qorti li dak li biegh kien flats li kien ikkostruwixxa bl-iskop ta' bejgh *"Ghax jiena nahdem fil-Construction".*[173]

**Kien hawnhekk li l-Qorti skontrat konflitt iehor bejn dak dikjarat lid-DIR minn nutar meta pprezenta d-dokumentazzjoni obbligatorja biex jirregistra l-kuntratt u dak li hemm imnizzel fil-kuntratt tas-7 ta'**

---

[165] Fol.922-923
[166] Fol.390. Cheque **Dok. AG38** a fol.392
[167] **Dok. 15E f'Dok.AG**
[168] Fol.1125-1126
[169] Fol.1126-1127
[170] Fol.576-577
[171] Fol.576. Vide ukoll fol.578 prezz indikat ta €46,600.
[172] Fol.577
[173] Fol.1124

**Settembru, 2010.** Fil-fatt il-kuntratt esebit minn Angelo Gafa **-15A** – jipprovdi: *"Ghal fini ta' l-att dwar it-**taxxa kapitali finali** qieghed jigi hawn dikjarat illi t-taxxa tammonta ghas-somma ta' hamest elef hames mija u disghin Ewro **(Eur5,590)**"*.[174]

Illi **Patrick Grima** in rapprezentanza tad-DIR ikkonferma li l-hlas sar fit-8 ta' Gunju, 2011, fejn thallas il-boll ta' €1,864.12.[175]

Galadarba mid-dokumentazzjoni li esebixxa Patrick Grima, jirrizulta li l-uniku flejjes imhallsa kienu dawk tal-boll,[176] fl-ammont ta' €1,864.12.[177]

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, senjatament minn dak li jixhed Muscat u l-fatt li l-kuntratt isemmi li kien dovut bhala *capital gains tax* l-istess ammont li dan jghid li ghadda lill-imputat, w maghdud ma dak li jigi dikjarat fil-kuntratt u d-dikjarazzjoni konfliggenti li saret sussegwentement minn nutar - u cioe` li t-taxxa li kienet dovuta ai termini tal-*"Att dwar l-Income"* kienet *NIL*[178] - lill-Ufficju tal-Kummissarju ghat-Taxxi Interni, awtorita` pubblika, fejn jinghad li l-*capital gains tax* dovut huwa NIL,[179] ma hemmx dubbju li tali dikjarazzjoni hi **falza**.

Fl-isfornd ta' dawn il-provi l-Qorti issib ukoll mhux biss li gie pruvat sal-grad rikjest ir-reat ravvizat **bl-artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali** izda anke r-reat t'**approprijazzjoni indebita**.

Jirrizulta pruvat li **filwaqt li l-imputat approprija ruhu indebitament tal-flejjes intestati f'ismu meta zamm ghalih dak li thallas minn Masini bhala boll, €1,864.12 meta ddepozitahom fil-kont ta' martu, dan approprija indebitament ukoll l-€*5,590 a dannu ta' Josef Muscat*. Dan l-ahhar ammont jibqa' dovut lil Josef Muscat.**

---

[174] Vide **Dok.15A f'Dok. AG**
[175] Fol.125 u 158
[176] Meta fit-8 ta' Gunju, 2011 thallas il-kumplament tal-boll dovut peress li Masini kien gja hallas €46,587 mal-konvenju - vide kuntratt u vide ricevuta - **Dok.15B f'Dok.AG** datata 15.09.2008.
[177] Fol.125 u 158
[178] Fol.576. Vide ukoll fol.578 prezz indikat ta €46,600.
[179] Fol.570

14. **Clayton & Josianne Agius - €3,350** (Akkuzi Nru.32-33)

Nhar it-12 ta' Dicembru, 2008, Josianne Agius u r-ragel taghha Clayton, iffirmaw kuntratt ta' transferiment quddiem in-nutar Falzon li permezz tieghu kienu akkwistaw appartament f'Santa Venera li kienu xtrawh ghal €62,661 minghand Catania and Sons Ltd,. kif rraprezentata mid-Direttur taghha Michael Catania. Fid-data tal-kuntratt il-koppja Agius hallsu lin-nutar is-somma ta' €3,350 sabiex ihallas il-boll dovut. Verifiki mill-konjugi Agius wrew li minkejja li n-nutar kien sarraf ic-*cheque* dan ma kienx hallas il-flus dovuti lid-DIR. Il-pulizija stabbilit li dan ic-*cheque* gie depositat f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kkonfermaw ukoll li minkejja li fid-data tal-konvenju, il-konjugi ghaddew lin-nutar €698.81 f'kontanti biex ihallas il-1% *stamp duty* f'isimhom, ebda tali pagament ma kien gie mhallas lid-DIR. Aktar minn hekk minkejja d-dikjarazzjoni tan-nutar fil-kuntratt li l-venditur kellu jhallas is-somma ta' €9,918 bhala *capital gains tax,* ebda tali flus ma kienu gew avanzati lin-nutar mill-venditur u allura wisq inqas ghaddew ghand id-DIR. Sa meta xehed l-ispettur f'Gunju 2013 dawn il-flejjes kienu ghadhom mhux imhallsin.[180]

Illi **Clayton Agius** xehed li fl-2008 sar kuntratt ghall-xiri ta' flat f'Santa Venera mal-Bank of Valleta u ftit wara gie infurmat li regghu nqataw €200 mill-kont tieghu bhala *banking fees*. Meta staqsa ghaliex gie nfurmat li l-kuntratt u l-bollol baqaw ma thallsux. Il-kuntratt baqa' mhux registrat u dan minkejja li **dak iz-zmien li sar il-kuntratt kien ghadda *cheque* ta' €3,350 biex jithallsu l-boll u t-taxxi**.[181] Ic-*cheque* inhreg f'isem in-nutar fit-12 ta' Dicembru, 2018.[182] **Josianne Agius** kkonfermat il-fatti kif rrakontati minn zewgha u ziedet *"In-Nutar Pierre Falzon ghamel lilu nnifsu biex minghalina ha jhallsilna l-bollol. Ic-cekk issarraf u l-post ghadu mhux insinwat fuqna."*[183]. Kien sar *cheque* iehor ghall-ispejjez tieghu fl-ammont ta' €1,800.

**Dokumentazzjoni esebita mill-bank turi li dan ic-*cheque* gie depozitat fil-kont ta' Elpirega Ltd**.[184]

---

180 Fol.45: Xhieda Spettur Gafa
181 Fol.433
182 **Dok. CA** a fol.440
183 Fol.430
184 **Dok.16B f'Dok.AG**

Illi **John Micallef** ghad-DIR xehed li d-dipartiment baqa' ma rcieva l-ebda informazzjoni dwar dan il-kuntratt li ghalhekk jidher li baqa' mhux registrat.[185]

15. **A. George & Mary Astrid Zarb/Ahwa Cassar& Ferranti – €15,785** (Akkuza nru.34-35)

Fil-5 ta' Awwissu, 2010, George Zarb rraporta kif kien xtara 2/5 tal-propjeta` t'ommu minghand zitu tar-rispett Paola Cassar u wlieda li ghaliha thallas l-ammont ta' €86,940.68. George Zarb allega li minkejja li kien ghadda zewg cekkijiet ta' €4,895 Euros u €10,890 Euros sabiex jithallas l-boll u l-*capital gains tax* dovuti c-cekkijiet issarfu, izda d-DIR qatt ma rcieva dawn il-flejjes u ghaldaqstant il-kuntratt qatt ma gie rregistrat. Il-pulizija sabet li dawn ic-cekkijiet gew depositati f'kont bankarju f'isem Helen Falzon mart l-imputat[186].

Illi **George Zarb** xehed li ghamel zewg kuntratti man-nutar fuq propjetajiet li baqaw ma gewx registrati. *"Wiehed minnhom xtrajtu fit-27 ta' Novembru tat-2008 u l-iehor xtrajtu fil-5 t'Awwissu 2010. Meta ghamilt ricerka ghax ma bdejtx nircievi karti kkonfermajt mieghu ghaliex ma kontx qed nircievi l-ircevuti, u kien* ***qalli dawk mhux dejjem tircivihom****......* ***Bdejt insus wara Pierre avvicinajtu mbaghad wara hafna zmien ghaddew xi sentejn jien bdejt insus li rrid nirregistrhom*** *dawn il-kuntratti ghax mort nicekkja u qaluli qisek m'ghandek xejn, u hekk ghamilt ridt nirregistrhom.* ***Imbaghad jiena hadt loan mill-Bank fejn ghamilt, f'tal-Qawra ghax jien hallast kemm tieghi, t-taxxa tieghi u anki t-taxxa ta' min beghli, jigifieri hallast taz-zewg partijiet li huma dovuti tal-Gvern. Fuq tal-Qawra jien hallast 16,773 Euro, u fuq ta' Santa Venera hallast 15,785****. B'dan kollu jiena man-Nutar Pierre ghamilna kuntratt fl-2012 fejn hu qabel li ghandu jtini ha nghidhom bl-Ingliz, 32,558 Euros. Hu ffirma kuntratt u ffirmajnieh li wara dan iz-zmien ta' tmin xhur ha jtihomli lura."* Dan l-ammont kien jirrifletti l-boll taz-zewg kumplessi kif ukoll it-taxxa dovuta lil Gvern mill-venditur.[187] Meta hallas **lin-nutar halsu b'cheque intestat f'ismu**.[188]

---

185 Fol.414

186 Fol.46, Xhieda Spettur Gafa

187 Fol.416-417

188 Fol.418

Illi **Mary Astrid Zarb** ikkonfermat dak li xehed zewgha George, izda ziedet li ghalkemm man-nutar kien intlahhaq ftehim li kellu jhallashom fi zmien 8 xhur, dan baqa ma hallashomx *"Lanqas biss qatt kellimna jew xejn."*.[189] L-iskrittura bejn il-konjugi Zarb u n-nutar saret fit-8 t'Ottubru, 2012, u fiha in-nutar jobbliga ruhu li jhallashom €32,558 b'imghax ta' 8% fis-sena.[190] Jidher ukoll li l-ammonti ta' €16,773 u €15, 785 (jammontaw €32,558) kienu l-boll dovuti.[191] Dan kien l-istess ammont li thallas lin-nutar mill-koppja Zarb!

Illi **Georgette Ferranti** spjegat kif f'Awissu, 2010, kienet inbghiet il-propjeta` f'Santa Venera li kienet taz-zijiet taghha. Dak li kien dovut bhala taxxa lil Gverna inqattaw mill-ammont li thallsu dakinhar.[192] **Maria Concetta Licari**[193] u **Anthony Cassar**[194] kkonfermaw dak li xehdet Ferranti.

Id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lil Anna Hili, Joseph Cassar u Pawla Cassar li kienu ko-firmatarji fuq il-kuntratt mal-koppja Zarb.[195]

Illi **Joanna Bartolo**[196] ghall-BOV kkonfermat li **c-*cheques*[197] mahruga ghall-€4,895 u €10,890 (€15,785) mill-kont ta' George u Astrid Zarb gew depozitati nhar is-6 ta' Novembru, 2010, fil-current a/c ta' Helen Falzon** bin-numru 11201601022.[198]
**Dan il-kuntratt baqa' qatt ma gie registrat u l-konjugi Zarb baqghu ma thallsux mill-imputat l-€15,785**.

**B. George & Mary Astrid Zarb/ Prestige Apartments Ltd. - €5592.38/€16,771** (Akkuzi Nru. 36-37)

---

189 Fol.420
190 **Dok.GZ** a fol. 447
191 Fol.449
192 Fol.423
193 Fol.425-426
194 Fol.427
195 Fol.411
196 Fol.437-438
197 **Dok. JB** a fol.441-442
198 **Doc. JB2** a fol. 443 *et seq.*

L-istess Zarb rraporta wkoll li fis-27 ta' Dicembru, 2008, flimkien ma martu xtraw fil-Qawra fi Prestige Appartments Ltd. ghall-ammont ta' €139,762. Allega li minkejja li ghadda *cheque* ta' €7,000 lin-nutar Pierre Falzon sabiex ikopri l-boll – fejn kienu gja gew mhallsa €1,397.62 rapprezentanti 1% deposit kif ukoll spejjez notarili - dan qatt ma sehh u l-flus ma thallsux lid-DIR; b'hekk il-kuntratt qatt ma gie nsinwat. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kkonfermaw li c-*cheque* kien gie depozitat f'kont bankarju f'isem Helen Falzon. Irrizulta wkoll li l-vendituri ghaddew *cheque* ta' €16,771 lin-nutar Pierre Falzon sabiex dan ihallas il-*capital gains tax* f'isimhom. Iktar minn hekk l-investigazzjonijiet zvelaw kif l-ammont li effetivament kien dovut bhala *capital gains tax* fuq dan il-kuntratt kien biss ta' **€9,783.34** li baqa' ma thallsx lid-DIR izda gie depozitat fil-kumpanija gestita mill-imputat u Elpirega Ltd.[199]

Illi **George Zarb** xehed kif ghamel kuntratt ta' bejgh ghall-flat il-Qawra quddiem in-nutar Falzon ***"il-kuntratt sar mieghu wkoll imma taxxi tal-bol ma thallsux. Wara dan ghamilna kuntratt bejnietna fejn ftehmna li hu l-ammonti tat-taxxa kienu jammontaw tieghi u tal-ohrajn ukoll kienu 32,558 u dan sar kuntratt fit-2012[200] u kellu jhallasni fi zmien tmin xhur***. *Issa dak ghaddew tliet snin u nofs u jekk ma jhallasnix fi zmien tmin xhur kien hemm imghaxx ta' 8% fejn illum telghu xi 8000 ohra jigifieri 8491 sa to date illum. Issa dan il-kuntratt xorta m'onorahx u speci kien hemm qbil bejnietna li naghmlu dan il-kuntratt u jhallasni fi zmien tmin xhur. Hu ghamilna qbil bejnietna kien diga hallasni kollox hu kien hemm Helen dahhalli kollox hu bil-flus tieghi u ghamilli karta mill-Bank ghax jien.... Helen Falzon is-Sinjura ta' Pierre kienet giet mieghu dahhalna l-flus u pprezentajna l-flus dakinhar..... Hallasna kollox it-taxxi.....* ***Hallasthom jien mela hallasthom doppjament jien il-flus***. *Infatti hu ghamilli karta biex ingibhom mill-Bank ukoll."*[201]

Illi **Joanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta esibiet *cheque* ta' **€7,000 mahrug fis-27 ta' Novembru, 2008, mill-kont tal-konjugi Zarb.[202] Dan gie depozitat fit-2 ta' Dicembru, 2008 f'kont ta' Helen aka Elenita Falzon**.[203] Gie mahrug ***cheque*** **iehor ghall €16,771[204]** datat ukoll

---

[199] *Ibid.*
[200] Vide **Dok. GZZ-GZZ1** a fol.474-477
[201] Fol.471-472
[202] **Dok.JB3** a fol. 462
[203] **Dok. JB4** a fol.463 *et seq.*

is-27 ta' Novembru, 2008[205] li sussegwentement **gie depozitat fil-kont ta' Elpirega Ltd.** fit-2 ta' Dicembru, 2008.[206]

**Dan il-kuntratt ukoll baqa' qatt ma gie registrat u l-konjugi Zarb baqghu ma thallsux mill-imputat l-€16,771**.

Illi **Patrick Grima**[207] in rapprezentanza tad-DIR rega' xehed fit-22 ta' Frar 2016, u filwaqt li esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva ghall-kull kuntratt mertu ta' dawn il-proceduri, spjega x'kien baqa' hlasijiet pendenti fuq dawn il-kuntratti u cioe` atti li baqghu ma gewx registrati u konsegwentement ma thallsux it-taxxi dovuti fuqhom:[208]

(a) *Causa Mortis* Giuseppe Ciantar;[209]

(b) *Causa Mortis* Carmela Agius;[210]

(c) Kuntratt ta' bejgh bejn Vincent Borg u Konjugi Camiller;[211]

(d) Kuntratt ta' bejgh bejn Michael Catania (Catania & Sons Ltd.) u Clayton u Josianne Agius.[212]

Illi dan jerga' jigi kkonfermat meta Dr. Michael Mifsud, in rapprezentanza tar-Registru Pubbliku, jixhed li sa Marzu, 2017, l-unici kuntratti ta' bejgh li baqaw ma gewx registrati kienu dawk bejn Clayton u Josianne Agius u Michael Catania, kif ukoll dak bejn Vincent u George Borg u Joseph Camilleri. Sadanittant il-*causa mortis* ta' Giuseppe Ciantar giet insinwata minn nutar gdid, Dr Anne Marie Tonna, fit-2 ta' Mejju, 2011.

---

204 **DOk.JB5** a fol.465. Mahrug minn Carlo u Maria Assunta Galea peress li kif spjega Zarb a fol.418 ***"ghax jien hallast kemm tieghi, t-taxxa tieghi u anki t-taxxa ta' min beghli, jigifieri hallast taz-zewg partijiet li huma dovuti tal-Gvern. Fuq tal-Qawra jien hallast 16,773 Euro,".***

205 Fol.460

206 **Dok. JB4** a fol.463 *et seq.*

207 Kif ikkonfermat minn **John Micallef** in rapprezentanza tad-DIR, fol.604 *et seq.*

208 Xhieda ta' Grima a fol.483 *et seq.* Lista li turi il-*locus standi* **sa Frar, 2016 Dok.PG14** a fol. 602

209 **Dok.PG4** a fol.522-525

210 **Dok.PG5** a fol.526-527

211 **Dok. PG9** a fol.562-564

212 **Dok.PG12** a fol. 579-582

Illi ghall-fini ta' kompletezza irid jigi sottolinejat il-fatt li ghalkemm Grima jixhed li gew registrati diversi kuntratti kif inhu dovut u li t-taxxa dovuta thallset, jirrizulta mill-provi akkwiziti li dan kollu sar mhux mill-imputat izda sehh biss wara li kellu jsir kuntratt gdid quddiem nutar gdid u ghalhekk fuq dawn il-kazijiet l-imputat ma jistax jistenna li jircevi xi mitigazzjoni fil-piena erogabbli. Kien hemm numru ta' dawn il-kuntratti:

(a) Kuntratt ta' bejgh bejn Melvin West[213] u Carmel sive Charles Mercieca li sar fil-15 ta' Frar, 2011 minn nutar Dr. Joanne Lia;[214]

(b) Kuntratt ta' bejgh bejn Konjugi Spiteri u Konjugi Muscat li sar fl-20 ta' Mejju, 2011 minn nutar Dr. Michaela Sammut.[215] F'dan il-kaz, il-konvenju originali baqa ma giex registrat lanqas.

(c) Kuntratt ta' bejgh bejn Anna Maria Gauci u Mark Pullicino li sar fil-5 t'Awissu, 2011, minn nutar Dr. Castaldi Paris.[216] F'dan il-kaz, il-konvenju originali baqa ma giex registrat lanqas.

Illi jirrizulta wkoll li l-imputat rregistra zewg kuntratti **qabel ma nbdew** dawn il-proceduri:

(a) Kuntratt ta' bejgh bejn Graziella Gatt u Central Home Syle Ltd., li gie registrat fit-**28 ta' Gunju, 2011**.[217] L-estratt esebit juri li l-kuntratt sar fil-31 ta' Mejju, 2010.[218] (Akkuza 5)

(b) Kuntratt ta' bejgh bejn Maria Saveria Lawson u Emanuel Caruana, li gie registrat **fid-19 ta' Lulju, 2011**. [219] L-estratt esebit juri li l-kuntratt sar fil-5 t'Awissu, 2009.[220] (Akkuzi 21 u 22)

---

[213] **Dok.PG** a fol.488-497
[214] Fol.1150-1151
[215] **Dok.PG3** a fol.508-521. Vide Estratt **f'Dok. MM** a fol.1148-1149
[216] **Dok. PG8** a fol.552-561. Vide ukoll Kuntratt esebit **Dok.MM** a fol. 1157-1158
[217] **Dok. PG2** a fol. 505-507
[218] **Dok. MM** a fol. 1152-1153
[219] **Dok. PG7** a fol. 546-551
[220] **Dok. MM** a fol. 1173

Ma dan irid jigi maghdud il-fatt li kif gja iddeterminat il-Qorti fir-rigward tal-kuntratti mertu tal-akkuzi nru.27, 28, 30 u 31, l-Ufficju tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni qed jiddikjara li l-hlas dovut sar precizament ghaliex qed jistrieh fuq id-dikjarazzjoni tan-nutar li ma kien hemm dovuta l-ebda *capital gains tax.* Ghall-kuntrarju jirrizulta izda mhux biss li l-imputat fil-kuntratt per se iddikjara li kienet dovuta *capital gains tax* tant li komputaha kif inghad iktar il-fuq, izda sahansitra **gabar *cheques* intizi biex jithallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bhala *capital gains tax* u zammhom ghalih**! Dawn kienu l-kuntratti ta' bejgh Santucci u Koppja Saliba u Josef Vella, (registrat **fil-5 ta' Lulju, 2011,**[221] fejn l-estratt juri li dan il-kuntratt sar fis-7 ta' Jannar, 2010)[222] u dak bejn Masini u Muscat li gie (registrat **fit-8 ta' Gunju, 2011,**[223] fejn l-estratt juri li dan il-kuntratt sar fis-7 ta' Settembru, 2010).[224]

Kien hemm diversi kuntratti ohra li fi kliem Patrick Grima[225]gew registrati <u>wara li nbdew dawn il-proceduri</u> – 2 ta' Marzu, 2012 - u cioe` dawk ta' bejgh bejn Carton u Grech li sar fid-9 ta'Dicembru, 2009,[226] u gie registrat fil-**21 ta' Jannar, 2013,**[227] u dak bejn Tonna u Magro li ghalkemm l-estratt jindika li sar fit-18 ta' Novembru, 2009,[228] gie registrat fl-**20 ta' Frar, 2014**.[229] Ma dawn jizdiedu iz-zewg kuntratti ta'bejgh li ghamlu l-konjugi Zarb ma Galea u Cassar rispettivament fejn ghalkemm gew registrati mill-imputat wara li nbdew dawn il-proceduri (fit-8[230] u fit-12[231] t'Ottubru, 2012), dan sar biss wara li Zarb rega' hallas ghat-tieni darba "...[€]*32,558....**Hallasthom jien mela hallasthom doppjament jien il-flus**. Infatti hu ghamilli karta biex ingibhom mill-Bank ukoll."*[232] Certament f'dawn il-kazijiet l-artikolu 337(1) tal-Kodici Kriminali ma jsibx applikazzjoni.

---

[221] **Dok. PG10** a fol. 565-571
[222] **Dok.MM** a fol. 1172
[223] **Dok. PG11** a fol. 572-578
[224] **Dok.MM** a fol. 1171
[225] Xhieda a fol.485
[226] **Dok.MM** a fol.1146-1147
[227] **Dok. PG1** a fol. 498-504
[228] **Dok. MM** a fol. 1154
[229] **Dok. PG6** a fol.528-545
[230] **Dok.PG13** a fol. 583; 584-586; 592-601
[231] **Dok. PG 13** a fol. 584;587-591
[232] Fol.471-472.Vide ukoll fol.417 u vide skrittura **Dok.GZ** a fol.447-448.

Illi **Dr. Amanda Poole**[233] esebiet il-*Memorandum & Articles of Association* ta' diversi kumpaniji fosthom P.E.R.G. Ltd., (precedentement maghrufa bhala City Butcher Company Limited)[234] u Elpirega Ltd.[235] Helen Falzon giet appuntata *managing director* ta' P.E.R.G. Ltd. nhar il-15 t'Ottubru, 2003, wara r-rizenja mill-kariga ta' direttur tal-imputat fl-istess jum. Madanakollu Dr. Pierre Fazon (I.D. No. 535060M) baqa' *company secretary*. L-imputat hu direttur (flimkien ma Helena Falzon), *company secretary* u *legal and judicial representative* f'Elpirega Ltd.[236]

Illi d-difiza esebiet zewg mandati ta' sekwestru mahrugin fil-konfront tal-imputat. Wiehed hu datat is-27 ta' Frar, 2002, ghall-LM25,000 fejn is-sekwestrant allega li kien gie frodat fuq konvenju. [237]Iehor hu datat l-14 t'Awissu, 2008[238] fuq €109,480.55.

Illi **Joanna Bartolo**[239] ghall-BOV esebiet numru ta' *bank drafts* li nhargu mill-kont 40010955422 mizmum mill-kumpanija Elpirega Ltd. liema drafts ghajr ghall-wiehed huma flejjes pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-segwenti ammonti, li madanakolu ma jindikawx ghall-liema konsiderazzjoni saru w lil min:[240]€2935; €1404; €585; €1250; €7890; €2796; €2735; €815; €2170; €3139.50; €430; €651; €465; €360; €1260; €900; €4420.

Id-difiza esebiet ukoll lista li skond hi turi l-hlasijiet kollha effetwati mill-imputat u x'baqa' pendenti.[241]

Illi l-Qorti ma tista qatt tistrieh fuq lista simili izda ser toqghod fuq dak li gie soddisfacentment ppruvat bi provi ammissibli fil-kors ta' dawn il-proceduri; din il-lista ftit ghandha valur probatorju minghajr il-konferma tal-, u l-korroborazzjoni mill-, kwerelant/i. Fil-fatt fiha hemm indikati bhala *"Paid"* ammonti li mill-atti processwali jirrizulta li verament thallsu izda jew wara li kien sar kuntratt gdid (*inter alia* Melvino West li

[233] Fol.674-675
[234] **Dok. AP1** a fol. 676
[235] **Dok. AP15** a fol. 794
[236] *Ibid.*
[237] **Dok.FG** a fol. 1221 *et seq.;* Nru.446/02
[238] **Dok. FG1** a fol. 1226 *et seq.:* Nru1276/08
[239] Fol.1237
[240] Fol.1240-1256
[241] **Dok. FG** a fol.1333

nnega li thallas) u ghalhekk minn nutar iehor jew addiritura il-hlas ikun sar wara li kien il-kwerelant li rega' kellu jhallas l-ammont ta' taxxa dovuta: "...[€]*32,558....**Hallasthom jien mela hallasthom doppjament jien il-flus.**"*[242]

Illi wara li gew studjati b'reqqa l-provi migbura tul dawn l-ahhar hames snin u nofs, galadarba l-akkuzi principali li jinsab addebitat bihom l-imputat in gran maggioranza huma dawk ta' approprijazzjoni indebita, ser issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Charles Abela fejn** il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi u dak tal-approprijazzjoni indebita:[243]

Ghar-rigward tar-reat ta' mizapproprjazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**[244] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

L-awtur Francesco Antolisei jikteb:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [245]

Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[246], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm

---

[242] Fol.471-472.Vide ukoll fol.417 u vide skrittura **Dok.GZ** a fol.447-448.
[243] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli
[244] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll **The Police vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013
[245] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano
[246] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo

id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit.supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.[247]**

Illi r-riferenza minn dik il-Qorti ghall-awtur Majno tassumi rilevanza tenut kont tal-fatt li:

Majno kien qiegħed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.[248]

Fil-fatt kien bil-promulgazzjoni tal-**Ordinanza VIII tal-1909** li d-disposizzjonijiet introdotti bl-**Ordinanza IV tal-1984**[249] gew sostitwiti

---

nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

[247] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.

[248] **Il-Pulizija vs Paul Portelli,** Appell Nru: 423/2014 Deciza 11 ta' Settembru, 2015 mis-S.T.O Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri

[249] 276. Chiunque, avendo ricevuto la cosa altrui in deposito volontario o per uso determinato, per causa di lucro negasse la ricezione, od allegasse un falso motivo per liberarsi dall' obbligo della restituzione, sara' punito coi lavori forzati o colla prigionia da due a nove mesi.

bid-dispozizzjonijiet (artikoli 295 u 296)[250] li jikkorispondu mal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Kien ghalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza taghha **Sua Maesta il Re vs Giuseppe Felice** iddecidiet:

Attesocche' nei termini dell'articolo 295 delle Leggi Criminali come emendato coll'articolo 28 dell' Ordinanza VIII del 1909, conforme all' articolo 417 Codice Penale pel Regno d'Italia "commette frode chiunque si appropria convertendola in profitto di se' o di un terzo una cosa altrui che gli sia stata affidata e consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restiturila o di farne un uso determinato.

Issir riferenza ukoll ghad-decizoni **The Police vs Artur Arakelyan:**[251]

Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[252]

The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. ……

Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[253]

---

[250] 295. Chiunque si appropria, convertendola in profitto di se' o di un terzo, una cosa altrui che gli sia stata affidata o consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato, sara' punito, a querela di parte, coi lavori forzati o colla prigionia fino a nove mesi
296. La pena e' da cinque mesi ad un anno, e si procede di ufficio, quando il delitto preveduto nell' articolo precedente sia commesso sulle cose affidate o consegnate per ragione di professione, industria, commercio, azienda, ufficio, servizio, o deposito necessario.

[251] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[252] **Pulizija vs Francis Camilleri,** Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

[253] Deciza 15.02.2007

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe` japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor".

Izda fil-kawza gja citata **Il-Pulizja vs Paul Portelli**, il-Qorti spjegat kif -

*huwa t-titolu, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

Dik il-Qorti kompliet hekk:

**15**. Di fatti, l-awtur Luigi Majno dwar dan l-element jgħid:
"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio.[254]"

**16.** Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

**17.** Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[255] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

---

[254] Luigi Majno, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

Fil-każ 'Il-Pulizija vs George Bellizzi', il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.

Illi l-abbli difiza fit-trattazzjoni taghha tikkontendi li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat ghamel uzu differenti minn flejjes moghtija lilu ghal uzu specifikat. Filwaqt li ma tikkontestax li l-imputat gie mghoddi diversi *cheques,* tikkontendi li la dawn dahhlu f'kumpanija li tghajjat lill-imputat dan ghandu jassolvi lill-imputat mill-htija ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita. Assolutament dan hu argument li legalment ma jreggix.

Hu principju guridiku stabbilit li kumpanija ghandha ***a separate and distinct personality.*** L-artiklu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji jipprovdi:

(4) Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.

F'dan l-isfond wiehed ghandu jqis ukoll li l-Objects ta' Elpirega Ltd. u wisq anqas dakw ta' P.E.R.G. Ltd. ma ghandhom imqarr remotament xi konnessjoni mal-professjoni notarili li kien jezercita l-imputat. Fil-fatt *"the business of the company"* ta' P.E.R.G. Ltd hu:

---

[255] Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013

*"3.a. To act as retailers, wholesalers, importers, exporters, manufactueres and distributors of meat and processed foods....".*

Filwaqt li dak ta' Elpirega Ltd.:

*"3.1 To carry on all or any of the business of building development and construction in general"*

Illi mill-provi migbura rrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li diversi kienu dawk il-persuni li ghaddew flejjes lin-nutar b'*cheques* intestati *f'ismu* u bi flus kontanti **sabiex jithallas il-boll u/jew il-*capital gains tax*** fuq konvenji, donazzjonijiet, *causa mortis* jew kuntratti ta' bejgh skond il-kaz.

Irrizulta ampjament ippruvat li **kull cheque/*bank draft* li gie intestat f'isem l-imputat biex bih tithallas it-taxxa dovuta, iddahhal f'kont ta' terz, sia jekk kienet il-kumpanija Elpirega Ltd. jew P.E.R.G.Ltd., jew f'kont ta' martu Helen Falzon jew addirittura f'kont ta' kreditur** tieghu bhal ma kien Joseph Cassar *"U bhala parti minn pagament tani dak."*.[256]

Illi irrizulta manifestament ppruvat li t-taxxa dovuta lill-Erarju li suppost thallset b'dawk il-flejjes ma thallsitx; kellhom jghaddu xhur u snin biex dan sar – fejn sar – mill-imputat u biss wara li l-Pulizija bdiet tinvestigah fuq ir-rapporti u l-kwereli li giet innondata bihom!

Illi fit-trattazzjoni minn taghha l-abbli difiza tirreferi ghall-emendi li saru bl-artiklu 24A tal-Kapitlu 55 tal-Ligijiet ta' Malta. Bid-dovut rispett il-fatt li l-legislatur ha l-passi biex jitnaqqsu u sahansitra bil-ghan li jigu eradikati abbuzi fejn jistghu jigu pregudikati persuni intortament, ma jezonera bl-ebda mod lill-imputat mill-obbligi tieghu taht il-Kodici Kriminali. In-nuqqas tan-nutar ma kienx semplicement dak li naqas milli jissepara flejjes provvenjenti mill-professjoni notarili tieghu. Dak li hu akkuzat bih l-imputat hu precizament dwar il-kondotta tieghu fir-rigward ta' **dak li ghamel b'dawk il-flejjes!! Bi flejjes ta' terzi li nghataw lilu biex jaghmel uzu specifkat minnhom, u cioe` ihallas lil Erarju, ghazel li minflok jiddepozithom f'kontijiet ta' martu, ta' kredituri tieghu, zammhom ghalih jew poggihom f'kontijiet ta' kumpaniji li fihom kellu rwol minghajr ma pproceda biex jaghmel il-hlas dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.**

[256] Fol.109

Inoltre` t-tezi tad-difiza li l-imputat kien kostrett jaghmel dan peress li kien milqut minn sekwestru taghti ftit kreditu lill-buon sens u l-logika ta' din il-Qorti! Irrizulta li minkejja li dawn is-sekwestri nhargu fl-2002 u fl-2008, jirrizulta li n-nutar baqa' jezercita l-professjoni tieghu minghajr xkiel tant li l-atti notarili mertu tal-akkuzi addebitati fil-maggior parti taghhom saru wara li kienu nhargu dawn is-sekwestri! Kien *business as usual*!

U jekk verament l-imputat uza dawn il-kontijiet sabiex is-sekwestri jigu *circumvented,* ghaliex xorta ghaddew xhur u snin qabel ma dan wasal biex ihallas flejjes destinati ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni? Ghaliex halla Malta b'tant *unresolved issues*, b'balla nies jigru warajh biex jaghmel dak li kien obbligat u li gie fdat jaghmel? B'nies li fdawh jispiccaw jaraw dak li haddmu ghalih jintilfilhom, jigu mxekkla, u mitfugha f'tant komplikazzjonijiet u proceduri legali kapriccozament? Tenut kont li s-sekwestru ma kienx jestendi ghall-kontijiet ta' martu Helen, ghall-kontijiet ta' P.E.R.G. Ltd. u Elpirega Ltd., x'zammu milli jaghmel il-hlasijiet dovuti lil Erarju? Wara kollox x'zammu milli minflok jiddetta li c-cheques jew il-*bank drafts* jigu ntestati f'ismu personalment jidderegi lill-klijent jintestah mill-ewwel fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni??!!

Kieku verament kien bezghan li jistghu jintlaqtu l-flejjes mis-sekwestri, possibli li professjonist mustaccun bhan Nutar Falzon bi snin twal u iva, illustri ta' esperjenza, kien ser jasal jiddepozita flejjes f'kumpanija li taghha kien ukoll direttur, Elpirega Ltd.? Kien qed jibza jew le li l-flus tal-klijenti jintlaqtu minn xi sekwestru? **Jekk iva ghaliex versahom f'kumpaniji li kien involut fihom?**

**Kemm iktar jaghmel sens li gew versati f'kontijiet ta' martu u tal-kumpaniji mhux biex jinhbew minn xi sekwestru izda precizament biex jistaghna minn fuq klijenti li rnexxielu jqarraq bl-agir malinn minn tieghu.**

Maghdud dan kollu jinghad bla tlaqliq u minghajr ezitazzjoni li l-Qorti mhux ser tithalla tigi ingannata b'din it-tezi difensjonali. L-imputat naqas milli jaghmel id-debita prova ta' dak allegat minnu – anzi l-argumenti mressqa minnu jkomplu jissigillaw l-kaz tal-prosekuzzjoni.

Ma jistax ma jigix osservat ukoll li l-ghemil tal-imputat, meta pproceda biex jiddepozita flejjes provvenjenti minn reat, dak t'approprijazzjoni indebita, f'kontijiet ta' terzi, **jirrizenta r-riciklagg. Din il-konsiderazzjoni tghodd ukoll ghall-kondotta ta' martu kif ukoll tista' taghti lok ghal *corporate liability* tal-kumpaniji li bbenefikaw minn dawn il-flejjes.** Dan jinghad fid-dawl tal-fatt li gie ampjament ppruvat li l-flejjes provvenjenti mir-reati addebitati fl-akkuzi numru 3, 9, 25-26, 30-31, 34-37 gew versati fil-kont ta' Helen Falzon filwaqt li flejjes mertu tal-akkuzi numru 4, 6, 8, 19, 21-24, 27-29 u 32-33 gew depozitati fil-kont ta' Elpirega Ltd., bil-flus relatati mal-akkuza 5 jispiccaw fil-kont ta' P.E.R.G.Ltd.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq, ir-rizultanzi processwali jwasslu lil din il-Qorti tiddeciedi li ghajr ghall-akkuza numru 20 (fejn il-parti leza hi Josephine Spiteri), l-estremi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita fl-akkuzi l-ohra addebitati lill-imputat jirrizultaw ampjament ppruvati.

Illi wara li gew kkunsidrati l-akkuzi dwar approprijazzjoni indebita ser jigu kkunsidrati l-akkuzi l-ohra.

<u>L-ewwel akkuza</u>

Illi din l-akkuza torbot mal-akkuzi l-ohra, senjatament dawk ta' approprijazzjoni indebita.

Illi n-**Nutar Joseph Abela**, President tal-Kunsill tan-Nutara, xehed il b'Avviz li deher fil-Gazetta tal-Gvern tat-30 t'Ottubru 2015, taht Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nru.1051, hemm avvzat li n-Nutar Pierre Falzon irrinunzja mill-kariga ta' Nutar b'effett mil-20 t'Ottubru, 2015, aktar u sentejn u nofs wara li nbdew dawn il-proceduri.[257] L-imputat kien ha l-*warrant* li jippratika bhala nutar nhar l-20 ta' Mejju, 1983.[258]

Illi l-artikolu **2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi:

---

[257] Fol.917 *et seq.*

[258] Fol.1117. Vide **Dok. JA1** a fol.1119 *et seq.*

In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.

Fid-dawl ta' dak li gja` gie determinat, fejn il-Qorti sabet li l-akkuzi ta' appropprijazzjoni indebita gew soddisfacentment ippruvati, maghdud mal-fatt li fiz-zmien li sehhew ir-reati li dwarhom qed tinstab htija l-imputat kien qed jezercita l-professjoni ta' nutar, mhemmx dubbju li din l-ewwel akkuza, ravvizata bl-artikolu 138 tal-Kodici Kriminali, ukoll giet ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

L-Akkuzi Numru Ghaxra sa (10) sa Sbatax (17)- Falsifikazzjoni ta' Firem (Akkuzi Nru.10-17)

L-investigazzjoni tal-pulizija, hekk kif spjegat mill-**ufficjal investigattiv,**[259] nbdew wara li fit-2 ta' Gunju, 2010, l-Imhallef Joseph Azzopardi, illum is-S.T.O. il-Prim Imhallef, talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga lin-nutar Pierre Falzon in konnessjoni ma digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar, 2010, li kien igib numru 140/10 fl-atti ta' separazzjoni ta' zwieg fl-ismijiet ***Carmel Fenech vs Carmen Fenech*** fejn gie allegat li l-atti kienu jikkontjenu firem foloz tieghu kif ukoll tad-Deputat Registratur tieghu Mary Lourd Lautier.

*"F'dan il-kaz li kien gie investigat mill-Pulizija kien jirrizulta li nota flimkien ma draft ta kuntratt ta separazzjoni kienu fil-31 ta' Awwissu 2009 gew mdahhla fil-Qorti minn nutar publiku Pierre Falzon f'isem iz-zewg partijiet Carmel u Carmen Fenech u fit-13 ta' Jannar 2010, in-nutar kien dahhal dikjarazzjoni fil-Qorti li fiha ddikjara li l-partijiet kienu qed jiddikjaraw li ma ridux ikunu assistiti minn avukat. Hawnhekk il-kaz kien gie assenjat lil Imhallef Noel Cuschieri li fl-14 ta' Jannar 2010 kien appunta lil Dr Mario Caruana bhala medjatur. Kien sar appuntament sabiex il-partijiet jidhru quddiem Dr Caruana nhar id-9 ta' April 2010 izda hadd ma kien deher ghal dan l-appuntament. U ghaldaqstant il-koppja Fenech ma kienux dehru, la ghal dan l-appuntament u lanqas ghal appuntamenti ohra li kienu saru mill-medjatur. Ghaldaqstant minhabba li dawn qatt ma dehru ghal dawn l-appuntamenti dawn kienu gew sussegwentement gew ikkuntatjati minn ufficjali tal-Qorti fejn hawnhekk kien gie stabilit li Fenech qatt ma kienu dehru ghal dawn il-meetings ghaliex dawn kellhom fil-pussess taghhom digriet t'awtorizzazjoni li meta kien gie ezaminat*

[259] Fol.34-37

*mill-ufficjali tal-Qorti kien gie kkonfermat li kien jikkontjeni firem foloz kemm partikolarment ghal fatt li l-firem kienu allegatament jappartjenu lil Imhallef Azzopardi mentri l-kaz kien qieghed jinstema quddiem l-Imhallef Cuschieri ghaldaqstant qatt ma setgha jiffirmah l-Imhallef Azzopardi wisq inqas anki ghal fatt li peress illi dawn qatt ma kienu dehru ghall-appuntamenti ta medjazzjoni qatt ma setgha jinhareg dak id-digriet f'dak l-istadju.".*[260]

Investigazzjonijiet tal-Pulizija wasslu biex tigi mitkellma Maria Lourdes Lautier li kkonfermat li l-firma li kienet qed tigi ndikata bhala taghha kif ukoll dik tal-Imhallef Azzopardi, kienu foloz. Qalet ukoll li d-dati indikati, l-medjatur inkarigat, u n-numru tad-digriet indikat kienu kollha foloz u qatt ma ezistew.[261] Gew mitkellma l-konjugi li taghhom kienet qed issir is-separazzjoni. Dawn spjegaw kif fl-2009 marru fl-ufficcju tan-nutar sabiex jiffirmaw kuntratt ta separazzjoni taz-zwieg fejn in-nutar infurmhom li kien ha jiehu hsieb id-dokumenti hu. Sussegwentement ircivew ittra mill-Qorti sabiex jattendu ghal laqgha mal-medjatur Dr. Mario Caruana nhar id-9 ta' April 2010, kienu kkuntatjaw lin-nutar li nfurmahom li ma kellhomx ghalfejn imorru ghal dan l-appuntament u kien ha jiehu hsieb kollox hu. Zmien wara ircivew ittra ohra minghand Dr. Caruana fit-23 ta' Mejju, 2010, u wara li ma setghux jaqbdu lin-nutar, marru ghal dan il-meeting mal-medjatur li ghaddewlu kopja tal-kuntratt ta separazzjoni kif ukoll kopja ta' digriet tal-Qorti pero` t-tnejn li huma nsistew li ma kienux jiftakru min kien ghaddilhom dawn id-dokumenti. Dawn kienu id-dokumenti li gew investigati mill-Pulizija fuq talba tal-Imhallef Azzopardi fejn kien hemm l-allegat firem foloz. Il-koppja Fenech kkonfermaw li l-firem li kienu jidhru fuq din id-dikjarazzjoni li ma ridux ikunu assistiti minn avukat kienu foloz u rrizulta li tali dikjarazzjoni giet prezentata l-Qorti min-nutar Falzon. Aktar investigazzjonijiet stabbilew li l-kuntratt originali ta separazzjoni ppublikat minn nutar Pierre Falzon kien fil-pussess tan-Nutar tal-Gvern, Dr. Cora Vella, u dan peress illi b'ordni tal-Qorti d-dokumenti kollha ppublikati min nutar kienu ttiehdu fil-pussess tan-Nutar tal-Gvern; hawnhekk il-pulizija rtirat dan id-dokument li ghal darb'ohra kien gie stabbilit li l-firem li kienu jidhru fuqu, li suppost kienu jappartjenu lil Imhallef Azzopardi, kienu falsifikati.[262]

[260] Fol.34-35
[261] Fol.35
[262] Fol.35-36

Ghaldaqstant kien jirrizulta li kien hemm tliet dokumenti b'allegat firem foloz:

(1) Id-digriet t' awtorizzazjoni datat 28 ta' Jannar, 2010, Ref. Nru. 41/10, mahrug mill-Qorti tal-Familja ppreseduta mill-Imhallef Joseph Azzopardi. Irrizulta li l-firma tal-Imhallef kif ukoll tad-Deputat Registratur tieghu kienu foloz peress illi l-original ta' dan id-digriet huwa inezistenti;

(2) Id-dikjarazzjoni ta' Carmel u Carmen Fenech li ddhalet fir-registru tas-Sezzjoni tal-Familja nhar it-13 ta' Jannar, 2010, li permezz taghha ddikjaraw li ma jridux ikunu assistiti minn avukat mentri dawn iddikjaraw li l-firem fuq dik id-dikjarazzjoni ma kienux taghhom. Id-dokument originali kien jinsab parti mill-atti tal-Qorti;

(3) Il-kuntratt ta separazzjoni ta' zwieg datat 26 ta' Jannar, 2010, li allegatament jikkontjeni l-firma tal-Imhallef Joseph Azzopardi pero` jirrizulta li l-firma hija wahda falza u d-dokument originali jinsab fil-pussess tan-Nutar tal-Gvern.[263]

Illi **Therese Sammut**, deputat registratur fil-Qorti tal-Familja, esebiet estratt mill-process ta' medjazzjoni u cioe` dikjarazzjoni ta' Carmel u Carmen Fenech datata t-13 ta' Jannar, 2010,[264] flimkien ma kopja legalizzata tal-process fil-Qorti tal-Familja.[265] Esebiet ukoll *"Digriet ta' Awtorizzazzjoni"* Nru.41/10 datat it-28 ta' Jannar, 2010.[266]

Illi **Mary Lourdes Lautier** spjegat kif qabel hi kienet deputat registatur mal-Imhallef Joseph Azzopardi u darba fost l-ohrajn mar Carmel Fenech u filwaqt li uriha digriet biex jersaq ghall-medjazzjoni li kien ircieva, staqsiha ghaliex kienu regghu baghtu ghalih. Tispjega *"ghidtlu din biex tibda' medjazzjoni, qalli jien diga' sseparajna ghandi kollox lest, ghidtlu le ta, qalli ha nghidlek ha nerga nigi darb'ohra u ngiblek il-paperwork kollu li ghandi. Imbaghad gabli dan id-digriet li qeghdin nirreferu ghalih fejn hemm id-digriet numru 41/10,*[267] *qlajt il-file li kien f'dawk l-ismijiet, u ma kienx dak,* ***dan id-digriet huwa fittizju, dak id-digriet numru m'huwiex compatible ma'***

[263] Fol.36-37
[264] Fol.176 – **Dok. AG13** a fol.180
[265] Vide verbal a fol.173- **Dok. AG14** a fol. 181 *et seq.*
[266] Fol.194
[267] Vide **Dok** a fol.194

***dawn l-ismijiet**, il-fatt li qed jghid in-nota pprezentata fit-28 ta' Lulju filfatt kien f'August kienu pprezentawha, kienu gew allokati l-medjatur Mario Caruana meta f'dan id-digriet qed jghid huwa Godwin Genovese, barra minn hekk mhux talli **l-firma tal-Imhallef gharaftha mall-ewwel li m'hijiex tieghu u dik l-ohra lanqas hi tieghi**, talli f'dak il-perjodu **jiena kont in charge illi nqassam liema Mhallef ha jiffirma f'dak il-perjodu d-digrieti tal-ewwel u tal-ahhar tal-medjazzjoni, dik il-gimgha kien Noel Cuschieri ghassa, jigifieri lanqas f'dawk id-dati ma kien hemm suppost Joe Azzopardi.**".*[268]

Illi xehed **l-Imhallef Joseph Azzopardi, illum Prim Imhallef**, u spjega kif id-deputat tieghu Lourdes Lautier *"wrietni digriet tieghi, digriet tal-Qorti tal-Familja u anki l-kuntratt ta' separazzjoni li gie iffirmat tramite dak id-digriet. U qaltli Sur Imhallef din il-firma tieghek ghal li jista' jkun? Jiena harist lejha l-firma u ghidtilha ..... ma tidhirx li hi tieghi. Imbaghad qaltli qed nghidlek ghax lanqas tieghi m'hi l-firma. Imbaghad jiena nsomma d-dover tieghi bhala gudikant li nirraporta mall-ewwel jekk inhoss li hemm reat, jekk nahseb li jista jkun hemm reat lill-awtoritajiet, u allura ordnajt komunika, hrigt digriet fejn ordnajt komunika ta' dan lill-Kummissarju tal-Pulizija ghax naturalment ma stajtx inhalli firma li mhix tieghi..."*[269] Muri l-process esebit – Dok.AG14 – ***"Hawnhekk ghandi l-process definittiv tas-Sekond'Awla u nikkonferma definittivament li mhix il-firma tieghi din fuq id-digriet."***[270] Izid li l-unika raguni ghaliex seta' sar dan kollu kien biex jigu mhaffin l-proceduri.[271]

Illi **Dr. Hubert Theuma** esebixxa kopja legalizzata tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-konjugi Fenech.[272]

Illi **Carmen Fenech** giet murija Dok. AG13,[273] dikjarazzjoni fejn jinghad li l-partijiet ma jridux l-assistenza t'avukat biex isir l-kuntratt ta' separazzjoni, u stqarret li l-firma fuq dak id-dokument li kienet tavvicina l-firma taghha kienet dik hdejn l-isem tal-ex-ragel taghha, Carmel. Mistqosija jekk xi wahda mill-firem fuq id-dokument kienitx taghha

---

[268] Fol.178
[269] Fol.213-214
[270] Fol.214
[271] Fol.215
[272] Fol.218-219. Vide **Dok. AG15** a fol.220-223
[273] Fol.180

*"Nono, le le….Kont iffrmajt xi affarijiet imma ma niftakarx dan".*[274] Meta murija l-kuntratt ta' separazzjoni esebit minn Nutar tal-Gvern,[275] tikkonferma li l-firem fuq dak id-dokument kienu taghha u tal-ex ragel taghha.[276] *Ictu oculi* il-firem bejn iz-zewg dokumenti huma manifestament differenti u distinti. In kontro-ezami tikkonferma li l-medjatur kien Dr. Mario Caruana.[277]

Illi **Joseph Mallia** pprezenta r-rapport tieghu[278] fejn ikkonkluda kif gej:

(a) Gew identifikati diskrepanzi u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristici misjuba fil-kors tal-kitba fil-kopja tal-firma allegatament tal-Imhallef Azzopardi fuq id-Digriet t'Awtorizzazzjoni ma kampjuni tal-firma tal-istess Imhallef;[279]
(b) L-istess jinghad dwar il-firma ta' Mary Lourd Lautier fuq l-istess document meta din giet komparata ma kampjuni tal-firma taghha;[280]
(c) L-"L" fil-kitba tal-firma fuq dak id-dokument allegatament tas-sinjura Lautier hi nieqsa;
(d) Il-kunjom Lautier hu miktub erronjament u cioe` "Lautuier";
(e) Gew identifikati diskrepanzi u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristici misjuba fil-kors tal-kitba fil-firma allegatament ta' Carmen Fenech li tidher fuq id-dikjarazzjoni ta' Carmel u Carmen Fenech (Dok. AG13).[281] Ghalkemm Fenech stqarret li fiz-zmien kellha hadida fuq idha li kienet marbuta b'faxxa, ghalkemm ma jidher ebda trehid/u/jew pawsi (slow writing)u l-kitba hi wahda miktuba b'mod uniti dawn jikkostitwixxu fatturi li setghu ivarjaw l-andament tal-kors tal-kitba ta' Fenech.[282]

Il-Qorti tissotolineja li skond id-digriet t'awtorizazzjoni li allegatment igorr firm falsifikati tal-Imhallef Azzopardi u tad-deputat registratur

[274] Fol.224-225
[275] **Dok. AG15** a fol.220-223
[276] Fol.226
[277] Fol.227
[278] Fol.270. Rapport **Dok.AG21** a fol. 278.
[279] Fol.39 tar-relazzjoni
[280] Fol.40
[281] Il-konkluzzjoni taghmel riferenza ghal **Dok.AG3** meta ghandha taqra **Dok.AG13**- vide folios re Ezami komparattiv, F46-51
[282] Fol.42 tar-relazzjoni.

tieghu,[283] il-medjatur hemm indikat hu persuna differenti, Godwin Genovese, minn dak li ssemmi Fenech, u cioe` lil Dr. Mario Caruana. Dan flimkien max-xhieda tal-Onor. Imhallef Azzopardi u Lourdes Lautier, jissigilla l-kaz tal-prosekuzzjoni li effetivament dan id-dokument kien wiehed falsifikat.

Dwar id-dikjarazzjoni fejn il-koppja Fenech qed tirruninzja ghad-dritt li jkollha rapprezentanza legali fuq il-kuntratt ta' separazzjoni, minkejja dak li stabillixa l-espert Mallia, ma jridx jintnesa li l-istess Carmen Fenech ma semmiet xejn minn dan meta xehdet, anzi cahdet b'mod kategoriku li fejn hemm indikata firma bhala taghha, din ma kienitx taghha *"**Nono, le le….Kont iffrmajt xi affarijiet imma ma niftakarx dan".***[284].

Illi l-estratt tas-separazzjoni personali konsenswali juri li l-kuntratt sar mill-gdid fit-23 ta' Jannar, 2012, quddiem in-Nutar Dr. Patrizia Mallia.[285]

Illi minkejja li jirrizulta li l-firem tal-Imhallef Azzopardi u tad-deputat Lautier li huma fuq id-digriet t'awtorizazzjoni huma foloz, kif falza tidher li hi ukoll il-firma ta' Carmen Fenech fuq dokument iehor, jibqa' l-fatt li l-prosekuzzjoni la ressqet biex jixhed lil Carmel Fenech u lanqas ma talbet li tittiehed il-firma tieghu. Ma jridx jintnesa wkoll li l-Ispettur Gafa xehed li meta kellem lill-koppja Fenech ghalkemm ammettew mieghu li l-imputat qalilhom li *"kien ser jiehu hsieb kollox hu"*[286]- dikjarazzjoni li tammonta biss ghall-*hearsay*, *"it-tnejn li huma nsistew li ma kienux jiftakru min kien ghaddilhom dawn id-dokumenti"*.[287]

Illi f'dan l-isfond ta' dubbju, il-prosekuzzjoni naqset serjament. Il-Qorti kienet tistenna li minn tal-inqas il-prosekuzzjoni titlob li jinhatar espert kaligrafiku sabiex wara li jiehu kampjun tal-firma tal-imputat, jaghmel ezami komparattiv mal-firem li allegatament huma foloz.

Illi lanqas ma ntalab li jsir ezami komparattiv bejn il-firma tal-Imhallef Azzpardi u dik li tidher fuq il-kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Jannar, 2010, insinwat mill-imputat li kien mizmum ghand in-Nutar tal-

283 Esebit a fol.194

284 Fol.224-225

285 **Dok.MM** a fol. 1161

286 Fol.35

287 Fol.36

Gvern, kopja ta' liema giet esebita fl-istess udjenza meta xehed l-Onor Imhallef;[288] kuntratt li lanqas biss gie muri lil Onor. Imhallef meta xehed sabiex jigi accertat jekk dik il-firma kienitx tieghu!

Il-kliem ta' l-Onor. Imhallef Azzopardi, illum is-S.T.O il-Prim Imhallef, jibqghu jidwu f'widnejn il-Qorti: *"jiena filfatt bqajt daqxejn sbalordit il-ghaliex ma rajt ebda vantagg hlief forsi li l-affarijiet jigu mghagglin ......Jigifieri l-unika raguni jien li nista nara ghaliex hija li kwistjoni ta' ghagla, jigifieri nimmagina kien hemm xi interess li l-proceduri jigu mghaggla."*[289] Mhemmx dubbju li hekk kien il-kaz! Madanakollu u ghalkemm il-Qorti tista' biss tispekula dwar min seta' kien l-awtur ta' dawn il-firem fazulli, dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Fuq dawn ir-rizultanzi l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-akkuzi numru ghaxra (10) sa sbatax (17).

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni il-gravita` tal-kaz, fejn in-nutar Falzon imbarka fuq kondotta sfrenata bla razan u bla konfini bi skop wiehed – dak li jisloh kemm jiflah lil persuni ngenwi w ntortament, fejn l-uniku 'nuqqas' taghhom kien li fdawh bi flushom; kondotta minghajr skruplu u bla ebda kont jew interess ghal dawk li fdawh biex jittutela d-drittijiet u l-akkwisti taghhom, jew meta ressqu ghandu fi zmien ta' niket u swied il-qalb biex jaghmlu xi *causa mortis.*

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet dwar il-piena li saru mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta fuq dak mistenni minn Nutar:[290]

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta, pero' hawn il-Qorti qed tittratta ma' professjonist u ghalhekkk il-fedina penali kellha tkun wahda nadifa fic-cirkostanzi. Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li dak li ghamel l-imputat huwa hazin hafna u dan ghaliex apparti li l-fatt **ut sic** huwa hazin, li professjonist izomm flus proprjeta' ta' terzi meta ma hux intitolat ghalihom, huwa agir li jitfa' dell ikrah fuq il-professjoni Notarili kollha kemm hi. Dan it-tip ta' agir huwa kundannabli u ma jistax jigi tollerat mill-Qorti. Illi huwa minnu li l-imputat kellu diversi problemi ta' sahha, mewt ta' ommu *pendenti lite* u cirkostanzi ohra infelici, pero' dawn l-avvenimenti ma jistghux jinkwadraw bhala fatturi li l-Qorti ghandha tqis fit- temperament tal-piena li hija sejra terroga. Jekk nutar jassumi inkarigu u jaghmel dak ix-xoghol mistenni minnu, w dan ikun konness ma' xi inkarigu addizzjonali, kif kien f'dan il-kaz (u cioe' li jghaddi l-flus minnu migbura), in-nuqqas li jaghmel dak minnu mistenni huwa kbir u dan ghaliex zgur li tali azzjoni ma tkun qatt wahda

---

288 Fol.218-219. Vide **Dok. AG15** a fol.220-223

289 Fol.215

290 **Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter k/a Pierre Falzon**; Deciza 16 ta' Gunju, 2016; Kump. Nru.: 551/13

prevista. Fil-fatt il-gurista **Carnelluti** spjega l-importanza tal-professjoni notarili u jghid li , "*tanto piu notaio, tanto meno giudice*", cioe' li iktar ma n-nutar iwettaq dmirijietu tajjeb, inqas hemm htiega li wiehed jirrikorri quddiem il-qrati.

Ghalkemm jista' jaghti l-kaz li n-nutar wettaq sew id-dmirijiet skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Notarili, fis-sens li rrediga il-kuntratt rikjest skond il-ligi, pero' d-dmirijiet tieghu ma jiqfux hemm u dan ghaliex in-nutar inghata wkoll l-inkarigu addizzjonali mill-Istat sabiex jigbor it-taxxi dovuti lejn il-Gvern. F'dan il-kaz il-mod kif jipproceda n-nutar ta lok biex ix-xerrejja sofrew pregudizzju kbir hafna. Fit-twettiq ta' obbligazzjonijiet li huma inerenti ghall-attivita' professjonali tieghu, nutar hu tenut li josserva grad partikolari ta' diligenza li hu superjuri ghal dak tal-persuna medja.

Il-Qorti ta' Cassazione Italiana fil-kaz numru 14934 datat 22 ta' Ottubru 2002 stqarret li:-" *in linea di principio va osservato che il notaio richiesto di una prestazione professionale assume gli obblighi derivanti dall'incarico conferitogli dal cliente e, quindi, fanno parte dell'oggetto della prestazione d'opera professionale, anche quelle attivita' preparatorie e successive, necessarie perche' sia assicurata la serieta' e certezza dell'atto giuridico da rogarsi ed in particolare la sua attitudine ad assicurare il conseguimento dello scopo tipico di esso e del risultato pratico voluto dalle parti dell'atto*".

Illi l-Ligi fdat fil-kariga ta' Nutar inkarigi u doveri li jiddependu u huma msejjsa fuq integrita`, onesta` u sincerita`. Kondotta simili tnaqqar irreparabilment ir-rispett lejn il-professjoni legali u l-fiducja tas-socjeta` fiha, filwaqt li tkattar biza', jekk mhux tnissel twemmin, li lanqas fadal ghand min tirrikori jekk huma dawk li suppost jipproteguk u jassistuk – u li lejhom hija l-Ligi stess li tobbligak tirrikori - li jispiccaw iqarrqu bik!

Illi l-Qorti hadet konsiderazzjoni wkoll tal-fedina penali netta tal-imputat fiz-zmien li wettaq ir-reati lilu addebitati u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari ghal dak li jipprovdi l-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali:

**337.** (1) Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, <u>qabel ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu</u>, **jrodd għal kollox** il-ħsara kkaġunata bir-reat.

Jirrizulta li dawn il-proceduri nbdew fit-<u>2 ta' Marzu, 2012</u>. Ghalhekk din id-disposizzjoni issib applikazzjoni fir-rigward tal-akkuzi numru 3, 5, 6, 7, 21, 22, 28 u 30.

Ittiehed konsiderazzjoni ukoll li <u>wara</u> li bdew dawn il-proceduri, l-imputat effetwa hlas lil zewg partijiet lezi fl-akkuzi numru 4 u 18.[291]

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi numru ghaxra (10) sa sbatax (17) u mill-akkuza ghoxrin (20), wara li rat l-artikoli

---

[291] Akkuza Nru 4 - Ahwa Grech; Izda fl-akkuza nru.18 thallsu biss il-koppja Magro.

17, 18, 31, 138, 188(1), 293, 294, 310(1)(a)[292](b)[293] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal **hames (5) snin prigunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat ihallas lis-segwenti persuni kif ser jinghad:

1. Melvin West - **€1,000**;
2. Giovanna Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paolo Refalo, Gemma Gauci u Carmelo Ciantar, werrieta tal-mejjet Giuseppe Ciantar - **€11,000**;
3. Antoinette Agius, Julie Muscat, Julian Agius u Jane Agius (Ulied Joseph Agius) - **€24,451**;
4. Carmel Tonna u Maria Concetta Tonna - **€11,180**;
5. Mark Pullicino - **€4,655**;
6. Joseph Sive Joe Camilleri u Grace Camilleri - **€14,909**;
7. Josef Saliba u martu Stefania Saliba, Josef Vella - **€4,076**
8. Josef Muscat - **€5,590**;
9. Clayton Agius u martu Josianne Agius - **€3,350**;
10. George Zarb u martu Astrid May Zarb - **€32,558**.[294]

**Din l-ordni tista' jiġi infurzat bl-istess mod bħal li kieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuni msemmija hawn fuq**.

Inoltre` b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' **€1,020** rapprezentanti spejjez peritali.

A tenur tal-artikolu 30 tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna li l-imputat Peter sive Pierre Falzon jigi **skwalifikat** milli jkollu jew jikseb, il-*warrant* ta' nutar pubbliku u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil President tal-Kunsill tan-Nutara.

---

292 Qabel l-emendi introdotti bl-*Att XXIV tal-2014* u cioe` fiz-zmien li sehh ir-reat, il-piena taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa sebgha snin.

293 Qabel l-emendi introdotti bl-*Att XXIV tal-2014* u cioe` fiz-zmien li sehh ir-reat, il-piena taht l-artikolu 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin.

294 Salv l-imghaxxijiet li jistghu ikunu dovuti in forza tal-kostituzzjoni ta' debitu - **Dok.GZ** a fol. 447

Inoltre` il-Qorti, wara li rat l-artikolu 190 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju ghat-Taxxi sabiex jinvestiga diskrepanzi rigward il-*capital gains tax* dovuta fuq kuntratti ta' bejgh li saret riferenza ghalihom.[295]

Finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fil-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment fl-Artikolu 3 tal-istess Kapitolu, u dan primarjament fil-konfront tal-imputat u Helen Falzon[296], kif ukoll fil-konfront ta' P.E.R.G.Ltd. u Elpirega Limited.[297]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[295] Akkuzi Nru.27-28; 30-31
[296] Artiklu 3(1)(2) tal-Kap.373 tal-Ligijiet ta' Malta
[297] Artiklu 3(4) tal-Kap.373 tal-Ligijiet ta' Malta.